# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 25 ta' Frar 2016

Citazzjoni Nru. 358 / 04RGM

Kawza fil-lista: 10

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attrici li permezz taghha ppremettiet u talbet is-segwenti;

Billi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Marzu 1983 fil-Kapella tal-Abbandunati, Wardija.

Billi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal.

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Billi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprezenta dina l-istanza permezz ta' digriet f’dan is-sens moghti minn dina l-Qorti fis-27 ta' Settembru 2004.

Jghid l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tippropunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u tistabbilixxi ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, jew minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-istess attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti mill-konvenut jew anqas dipendenti mill-konvenut.

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

5. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi

moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha u tillikwida l-pretenzjonijiet parafernali u partikolari tal-attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisiti.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti 1-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-taiba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata, propjeta' parafemali taghha, esklussivament mill-attrici.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1900/04 ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:-

Illi d-domandi attrici kif proposti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti gie rez impossibbli minhabba htijiet serji da parti tal-konvenuta nnifisha.

Illi b'dana kollu l-esponenti jaqbel illi z-zwieg ta' bejnu u bejn l-attrici gie rez impossibbli u ghalhekk jaderixxi ghas-separazzjoni minn ma' martu dejjem pero' minhabba ragunijiet imputabbli ghall-istess attrici.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attrici u ta’ ohtha Marianne Buttigieg Sciclunaipprezentati b’nota tas-16 ta’ Marzu 2005;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut b’zieda man-nota tal-eccezzjonijiet;

Rat l-affidavit ta’ Catherine Mifsud, omm l-attrici pprezentat b’nota tad-9 ta’ Awwissu 2005;

Rat l-affidavit ta’ Cynthia Micallef, habiba tal-attrici pprezentat b’nota tat-12 ta’ Ottubru 2005;

Rat ic-certifikat mediku tal-attrici, b’konferma ta’ ksur fl-ghadam tas-swaba ta’ sieqha ix-xellugija, u xi ferriti ohra hfif, rilaxxjat mill-Casualty Department St. Luke’s Hospital fil-25 ta’ Awwissu 2005;

Rat l-affidavit ta’ Kiril Petkof u ta’ Ralitsa Kirilova annessi mar-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta’ Lulju 2005;

Rat l-affidavit tal-konvenut pprezentat b’nota tal-25 ta’ Novembru 2005;

Rat l-affidavit ta’ Anna Cali’, Paul Vella, Ralitsa Kirilova, Charles Bonanno, Emmanuel Cassar, Veronica B, Tanya Casapinta, Damian Casapinta u Tonio Casapinta pprezentati b’nota tas-26 ta’ Jannar 2006;

Rat l-affidavit ta’ Jelena Dimitrijevic pprezentat b’nota tas-6 ta’ Frar 2006;

Rat it-tieni affidavit tal-konvenut pprezentat b'nota tad-19 ta' Mejju 2006;

Rat l-affidavit tal-attrici u ta' Claudette Portelli pprezentati b'nota tat-22 ta' Mejju 2006;

Rat l-affidavit tal-avukat Dottor Noel Buttigieg Scicluna pprezentat b'nota tal-24 ta' Mejju 2006;

Rat in-nota tal-konvenut dwar il-prospett tad-dhul anticipat ipprezentata b'nota tat-8 ta' Gunju 2006;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Mario Cassar, mahlufa fit-13 ta' Novembru 2007, li kkonkluda li l-valur tad-Detached Villa, Kimera, Triq id-Dejma, San Pawl Tat-Targa, hu ta' LM230,000; u li il-valur tal-benefikati li saru fil-Villa waqt iz-zwieg hu ta' LM39,750 u ta' LM37,336 meta ma jigux inkluzi l-items li gew indikati li saru qabel iz-zwieg;

Rat l-affidavit ta' Lucia Mifsud, armla ta' Anthony, li jigi hu l-attrici, pprezentat b'nota tas-6 ta' Frar 2008;

Rat in-nota tal-konvenut tas-27 ta' Frar 2008, fejn gew indikati l-indirizzi tax-xhieda li pprezentaw affidavit;

Rat in-nota tal-attrici tal-20 ta' Gunju 2008, fejn gie anness l-affidavit tal-avukat Dottor Anton Felice ghall-Malta Insurance Association;

Rat n-nota tal-konvenut tas-26 ta' Settembru 2008 li biha gew ipprezentati ic-certifikati medici tal-konsulenti, dwar il-kondizzjoni serja ta' qalbu;

Rat in-nota tal-attrici tal-24 ta’ April 2009 li biha pprezentat kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Dolores B”, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Marzu 2009 ;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta’ Rose Bajada, Grace Micallef u il-konvenut C B li xehdu fis-seduta tas-17 ta’ Gunju 2009;

Rat in-nota tal-attrici, tat-2 ta’ Novembru 2009 li biha giet ipprezentata kopja legali tas-sentenza “Il-Pulizija vs C B”, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta’ Ottubru 2009;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Awwissu 2010 li bih gie sostitwit il-Perit Legali Dottor Mark Chetcuti bl-avukat Dottor Ingrid Bianco;

Rat ir-rapport ta’ monitoring ta’ Salvina Frendo Cumbo, impjegata fi hdan l-Agenzija Appogg mahluf fit-12 ta’ Marzu 2009;

Rat l-affidavit tal-Accountant Louis Farrugia, mahluf fis-16 ta’ Frar 2009;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fis-7 ta’ Jannar 2013;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-24 ta’ April 2013;

Rat ir-rapport tal- perit legali l-avukat Dottor Ingrid Bianco, mahluf fid-19 ta’ Novembru2013;

Rat in-nota ta’ kritika tal-attrici pprezentata fil-31 ta’ Jannar 2014;

Rat in-nota ta’ kritika tal-konvenut ipprezentata fis 27 ta’ Marzu 2014;

Rat id-diversi rikorsi u digrieti li saru mill-partijiet fil-pendenza tal-kawza, dwar l-allontanament tar-ragel mid-dar konjugali, dwar il-hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u dwar il-manteniment, minnhabba bdil fic-cirkostanzi;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**IL-PROVI.**

**L-attrici A B** fl-affidavit taghha a Fol 64 et seq, tikkonferma li zzewget lil-konvenut fis-27 ta' Marzu 1983, meta hi kellha disgha u ghoxrien sena u hu kellu sitta u ghoxrien sena. M'ghandhomx tfal. Kienu ilhom flimkien, qabel izzewgu madwar seba' snin. Hi tghid li damu biex jizzewgu billi kelllhom problema ta' flus, hi kienet ghadha kif bdiet tahdem ta' teacher, u hu beda fix-xoghol tieghu ta' signwriter, xi sena wara li ltaqghu. Fil-bidu ma kienx sejjer tajjeb, izda' ghal habta tas-sena 1985, qabad billi ghamel konnessjonijiet tajbin ma' xi nies f'dan in-negozju. Huma jghixu f'dar li nbniet fuq art li kien xtraha missierha, erba' snin qabel iz-zwieg. Wara iz-zwieg damu sitt snin jghixu ghand il-genituri taghha, sakemm id-dar tlestiet.

Hi tghid li bejn 1988 u 1996 il-hajja mizewwga kienet tajba, bi ftit problemi li kienu normali. F'Settembru tan-1996 il-konvenut kellu bzonn jaghmel *triple by pass*, u hi hadet hsiebu, u ghamlet xahrejn id-dar iddur bieh u tiehdu l-isptar spiss biex jarrah il-kirurgu.

L-operazzjoni kienet success, sahtu giet ghall-ahjar, izda hi kienet ghajjiena, tilfet lil huwha fl-istess sena u bdew il-problemi bejniethom. Marret lura tahdem *part time* izda kellha problema tirrikoncilja x-xoghol mal-hajja mizzewga, bdew jargumentaw ta' spiss, u kienu jghinuhom jirrangaw membri tal-familja, specjalment ohtha, Irene, illum mejta, ghax il-konvenut kien jhobb jitkellem maghha. Hi

ddikjarat li fin-1996, certa Elizabeth, bdiet tahdem ma' Casapinta, l-akbar klient tieghu, u hu kien dejjem isemmieha u ifahharha, u kienet saret taf minn xi impjegati ohra li kien jitkessah maghha, u kellu xi konfidenzi maghha fid-diskors. Hi kienet tinsisti mieghu biex jaccertha li ma kien hemm xejn bejniethom, izda flok jassikurha kien jghajjat u jirrabbja maghha u jghajjarha marida u ffissata. Din l-impjegata baqghet tahdem maghhom sat-2003. Billi irrizenjat hesrem bla ebda avviz, il-konvenut kien iddispjacut hafna li telqet. L-attrici ddikjarat "Jiena spiccajt niehu kedded kbar id-dar ghalhiex kont qeghda nghix gidba". Ikkonsultat ma' psikologa u avukat li qalilha li ir-ragel kellu bzonn l-ghajnuna u r-relazzjoni taghhom mmiljorat, izda f'daqqa wahda, ftit qabel tah attakk ta' qalb, fis-7 ta' Lulju 2002, beda jghid li ried jghix il-hajja ta' bil-lejl. Kien tah attakk tal-qalb hafif, ma riedx joqghod fl-isptar fit-tul u wara tlett ijiem iffirma biex johrog.

Sa Jannar 2003 kienu johorgu flimkien kuljum fil-ghaxija. Hi iddejqet bil-hrug ta' kuljum sal-hinijiet bikrin ta' fil-ghodu, sia minhabba l-kondizzjoni tieghu, kif ukoll minhabba ix-xoghol filghodu. Wafqet tohrog mieghu, hu ha ghalih u beda johrog wahdu kuljum bejn id-9.30 pm u is-2.30 am u l-4.30 am. Hi ghamlet xi tlett xhur tohrog ma' hbieb nisa, izda iddejqet u wafqet.

Ir-relazzjoni taghhom minn dak iz-zmien iddederjorat, baqghu fl-istess dar izda ma jitkellmux. F'Awwissu 2003 il-konvenut kien ippropona modus vivendi li ma jibqghux jevitaw lil xulxin u jinnormalizzaw ir-relazzjonijiet ta' bejnithom. Dan il-ftehim pero' kien ta' ugigh tal-qalb ghall-attrici billi wara li jkunu hargu flimkien, hu kien jerga' johrog wahdu, imur Portomaso fejn semghet li kien jkun ma' nisa Russi, hasshet li qed tigi uzata . Hi ddikjarat "Jien ma stajtx naccetta rapport sesswali mieghu f'cirkostanzi li jiena qist bhala mhux normali". Hu baqa' jinsisti fuq il-hrug ta' kuljum. Baghtu ghalih biex jaghmlulu stent, u billi ma setghax isuq kienet issuqu l-attrici kullimkien, anke kmieni filghodu meta jiddeciedi li jirritorna d-dar.

Wara tlett xhur l-attrici qaltlu li ma setghatx tibqa' ghadejja b'din il-hajja.

Hi ddikjarat li l-konvenut hu *bon viveur*, u l-fatt li kellu attakk tal-qalb ikkondizzjonah psikologikament. Ghalih fil-hajja jew dgawdi jew m'intix qieghed tghix.

L-attrici ma kienx joghgobha il-hrug sa filghodu u ghalhekk ma baqghetx tohrog mieghu, kienet tohrog xi kultant ma' xi habiba. Kellha tibda tghix il-hajja minghajru billi ma kienux jaqblu fil-hrug. Hu kien ippropona li ma kellhomx ghalfejn jisseparaw, jghixu relazzjoni miftuha, johorgu jieklu tlett darbiet fil-gimgha, pero' wara hu jerga' johrog wahdu. L-attrici qalet li dan l-arrangjament ma kienx accettabbli ghaliha ghalkemm ipprovatu ghal ftit zmien.

L-attrici qalet li sa Mejju 2004 hi baqghet igib seftura issajjarlu zewg ikliet kuljum u tahsillu u tghaddilu l-hwejjeg. F'dak iz-zmien kellu jsiefer biex jiddeverti mhux fuq xoghol, sabitlu messaggi fuq il-mobile ta' nisa barranin u iddecidiet li tissepara u infurmatu meta kien barra.

Flus kien jaghatiha LM470 fix-xahar, dawn nizlu ghal LM70 fil-gimgha malli ssemmiet is-separazzjoni u ftit wara ghal LM25 fil-gimgha. Ghalhekk wafqet issajjarlu u tahsillu.

Hi kkonfermat li l-art f'San Pawl Tat-Targa inxtrat fin-1979 meta kienet ghadha xebba. Missierha ried jixtrilhom post ta' LM8000, l-istess ammont li kien ta' lil hutha, izda b'dak il-prezz ma sabu xejn joghgobhom. Kien ghalhekk li inxtrat l-art, il-kuntratt sar f'isem l-attrici, l-flus hallashom missierha, li barra mill-elfejn lira ghall-akwist tal-art kien ta LM8000 biex nbniet id-dar. Il-post kien lest shell fin-1982, izzewgu fin-1983 u l-finishing tlesta fin-1989. Huma kienu jghixu mal-genituri taghha u ma kienux jikkontribwixxu ghall-ispejjez. Wara z-zwieg saru hafna spejjez fid-dar, bil-flus komuni taghhom, in oltre, hi kienet rceviet is-somma ta' LM3000, sehemha mill-bejgh ta'

bicca art f'Bugibba. Kull sena l-genituri taghha kienu jaghtuha circa LM1,000 li kienet tonfoqhom fuq id-dar. Fil-bidu taz-zwieg xtrat dinner set ghal LM500, tazzi tal-kristall LM200, dinner set rustiku LM80, pjanti u sigar ghall-gnien LM100 statwetti LM200, purtieri, platti, tazzi u accessorji ohra LM300. Mill-bejgh tal-plot ta' San Pawl Tat-Targa, LM9,000, tat LM1,000 lill-konvenut, zammet l-istess ammont ghaliha, u nefqet l-istess ammont fid-dar, u l-bilanc iddepositatu f'kont fiss.

L-attrici qablet li l-konvenut hadem personalment id-dawl u l-ilma u l-hadid tal-aperturi. L-attrici ddikjarat li l-mobbli kollha tad-dar konjugali huma elenkati fil-mandat ta' Qbid numru 2237/04 mahrug fuq talba tal-konvenut b'eccezzjoni ta' dak li ghandu imsakkrin fil-kamra tieghu l-konvenut bhal computer, printer u taghmir professjonali fotografiku.

L-attrici ddikjarat li l-oggetti li xtrat qabel iz-zwieg huma elenkati fid-dokument DC3.

Iddikjarat li l-kumpanija Autographics Limited giet mwaqfa wara iz-zwieg fis-sena 1989. Ix-xoghol kiber sostanzjalment meta l-konvenut beda jahdem ghal Tonio Casapinta li ghandu kumpanija, li torganizza u tarma konferenzi u fieri. L-ishma tal-kumpanija Autographics Limited huma maqsuma, 50% il-konvenut, 49% l-attrici u 1% l-avukat Dottor Noel Buttigieg Scicluna, hu ir-ragel ta' oht l-attrici. Ix-xoghol tal-konvenut kien sejjer tajjeb tant li l-attrici wafqet mix-xoghol taghha ta' ghalliema fin-1990 meta kellha paga ta' LM320 fix-xahar. Qabel ma nqala' l-inkwiet ir-ragel kien sejjer tajjeb, kien jaghtiha LM470 fix-xahar ghall-hajja u hu kien jhallas il-kontijiet kollha bhal dawl, ilma, insurances, telephone, mobile, cable television safar, hrug etc.

**Marianne Buttigieg Scicluna**, oht l-attrici, mizzewga ma' hu Dr Noel Buttigieg Scicluna, kkonfermat li l-partijet iltaqghu fit-tieg taghha meta hu kellu 18 il-sena u hi 22 sena, u bdew johorgu flimkien. Hi

tahdem bhala spizjara f'ispizerija fil-Hamrun, u lill-konvenut l-attrici kienet haditu l-ispizerija meta qabdu ugigh f'sidru u Dr V Zammit baghtu immedjatament biex jaghamel ECG. Kellmet lil Dr Felice, konsulent tal-qalb li kien jkun fl-ispizerija, u wara li sarulu t-testijiet irrizulta li kellu bzonn *triple by pass*, li saritlu f'Settembru tan-1996.

Hi kkonfermat li l-attrici kienet tiehu hsiebu, turih ir-ritratti biex tikkonvincih jaqta' it-tipjip u certu ikel, u tiehdu l-isptar biex jarah il-kirurgu. L-attrici fl-istess sena ghaddiet mit-trawma tat-telfa ta' huhom, li miet fi zmien hmistax, xorta baqghet tiehu hsieb lill-konvenut, izda hu dan ma apprezzax billi kien jaqbad maghha u jwahhal fiha ta' li gralu. F'Lulju 2002 tah attakk hafif tal-qalb, zammewh l-isptar izda ghamel id-dwejjaq u ried jmur id-dar. L-attrici, kontra qalbha, haditu d-dar izda' bezghat li jigrilu xi haga u ma hallitux wahdu. Kienet tohorgu kuljum ghax ma ridtx joqghod id-dar u dak iz-zmien Dr Felice ghamillu stent. Wara l-konvenut iddecida li jibda jgawdi u jixrob ghax kien jghid li hajtu kienet qasira, kien johrog u jdum jixrob u anke uliedha kienu rawh u qalulu li ma setghax jghix hekk minhabba sahtu.

Koppja ta' nazzjonalita' Bulgara, **Kiril Petkof** u **Ralitsa Kirilova**, Fol. 118 u119 ikkonfermaw li huma jghixu flimkien. It-tnejn kkontestaw l-allegazzjoni tal-attrici li Ralitsa, li kienet taghmel xi faccendi lill-konvenut, kellha xi relazzjoni intima mieghu. .

**Catherine Mifsud**, omm l-attrici, fl-affidavit taghha, Fol.162 et seq. ikkonfermat li zewgha, Anthony Mifsud, li miet f'April 1992, kien kompla n-negozju ta' missieru ta' importatur ta' inbejjed u soft drinks u finanzjarjament kienu tajjeb. Kellhom tmient itfal, li minnhom erba' mietu zghar. Lil uliedhom riedu jghinuhom meta gew biex jizzewgu, lill-binthom Irene, xtrawlha bicca art f'Hal-Qormi u bnewhielha, l-istess ghamlu ma' binhom Anthony, u lil-binthom Anne, xtrawlha dar lesta, pero' l-attrici zzewget xi seba' snin wara meta l-prezzijiet tal-art u l-bini gholew sostanzjalment. Kien ghalhekk impossibli li jixtrulha

post bl-istess ammont li kienu nefqu ghal hutha. Iddecidew li jixtru tlett plots f'San Pawl Tat-Targa, wahda minnhom, plot 11, zewgha xtraha ghall-binthom li dak iz-zmien kienet ghadha xebba.

Ipprezentat dokument, Fol. 165 li minnu jirrizulta li tat lill-attrici LM8,000 biex thallas lill-bennej. Hi ddikjarat li ma kinitx tipprettendi li bintha l-attrici tirrifondilha l-flus lilha originarjament mislufa, hi qalet "Iddecidejna illi naghtuha dawk l-ammonti". Bhal ma ghamlet ma' hutha xtrat diversi oggetti ghad-dota tal-attrici. Iddikjarat ukoll li anki meta tgharsu, xi tlett snin qabel izzewgu, l-attrici xtrat ic-curkett bl-ghajnuna ta' ommha, minghand hanut il-Belt. Izzewgu fin-1983 hallsu ghat-tieg il-genituri tal-attrici, u billi d-dar ma kinitx lesta l-partijiet ghamlu seba' snin jghixu ghand il-genituri taghha sakemm tlesthiet d-dar., u ma hallsu xejn. Fin-1998, inbieghet bicca art f'Bugibba li kienet nxtrat mill-genituri biex jinnegozzjawha it-tfal, li hadu LM7,000 kull wiehed. Fin-1998 it-tifel, Anthony xtara il-Kumpanija ta' missieru, Lisbon Squashes, u hallas lil hutu, inklus l-attrici £M3,000 kull wiehed. Fin-1997, nbieghet il-plot adjacenti dik tal-partijiet, u ir-rikavat gie diviz bejn l-omm u t-tfal, fosthom l-attrici, li hadu LM10,000 kull wiehed. Finalment ddikjarat li hi u zewgha kienu jaghtu lit-tfal xi LM1,000 fis-sena u tikkalkula li individwalment it-tfal rcevew madwar LM12,000 kull wiehed.

**Cynthia Micallef**, habiba tal-attrici, fl-affidavit taghha Fol. 180 ikkonfermat li f'Awwissu 2005, iddikjarat li rat lill-konvenut fuq il-vapur ta' Ghawdex gejjin lura lejn Malta, fil-kumpanija ta' mara li ma kinitx l-attrici u li kienet liebsa shorts qasir iswed u flok issikat bla cingi, u fl-atteggjament taghhom kienu pjuttost intimi. Qabel kienet rathom f'Triq it-Tigrija, Rabat, Ghawdex. Ikkonfermat mal-attrici b'messagg li n-numru tal-vettura kien tal-vettura tal-konvenut. Fis-6 ta' Settembru 2005, wafqet il-karozza taghha f'nofs it-triq billi harbilha il-kelb, dak il-hin gie l-konvenut bil-vettura tieghu li ma setghax jaghaddi, gew wicc mbwicc, qaltlu kellux bzonn xi haga, ma

irrispondhiex u beda johdilha-ritratti mill-vicin, u dwar dan ghamlet rapport l-Ghassa tan-Naxxar.

Il-konvenut, **C B**, fl-affidavit tieghu, Fol. 247 sa 281, spjega li ltaqa' mal-attrici f'Novembru 1974, meta hu kellu tmintax-il sena u hi kellha tnejn u ghoxrien sena. Wara xi snin flimkien bdew jahsbu ghall-post biex jizzewgu. Missierha, lil hutha li zzewgu snin qabel kien xtralhom post, pero' l-prezzijiet gholew minn dak iz-zmien u ma sabu xejn bil-prezz li joghgob lil missierha. Iltaqghu ma' l-art ta' San Pawl Tat-Targa, li kienet nofs il-prezz u d-doppju fil-qis ta' plots ohra, u hajru lil missierha jixtri plot biex jibnuha, u iz-zewg plots adjacenti bhala investiment, u hekk sar. Qabdu lil-perit Norbert Attard ghall-pjanti u l-applikazzjoni ghall-bini. Kellhom xi problemi, billi f'dak iz-zmien l-art ma kinitx fabbrikabbli, pero' eventwalment hareg il-permess. Meta saret fabbrikabbli l-plots adjacent apprezzaw fil-valur, wahda nbieghet sena wara, id-doppju tal-prezz u l-ohra nbieghet minn omm l-attrici, snin wara bil-prezz ta' LM35,000. Billi kien hemm diffikulta' fuq il-konfini precizi tal-art kien kellem lil-Avukat Dottor Noel Buttigieg Scicluna li dak iz-zmien kien l-gharus ta' ohtu u hu r-ragel ta' oht l-attrici. Hu jghid li l-involviment tieghu fix-xiri tal-art, hrug ta' permessi, pjanti, bennejja, impjegati tal-Gvern u l-izvilupp tas-sit, kien kbir hafna.

Hu beda bix-xoghol tieghu ta' *signwriting*, dak iz-zmien kollox bl-idejn billi ma kienx hawn computers, xtara hafna kotba, hadem l-ghodda tieghu biex ikabbar d-disinji u qabad f'dan x-xoghol, kellu hafna klijenti tajbin fosthom Casapinta Design Group. Fil-ghaxija kien jahdem part-time ma' habib, Charles Bonanno, jghaddu d-dawl u l-ilma f'diversi postijiet u bil-flus li kien jaqla' kien jixtri materjal biex jkompli x-xoghol fuq id-dar. Il-genituri tal-attrici biex jghinuhom silfuhom LM8060 pero' qatt ma talbuhomlhom. Hu jghid li billi hu bniedem prattiku, fl-gherusija hi xtrat cirkett li joghgobha filwaqt li hu xtara ghodda biex jahdem. Ghat tieg issellef ic-curkett ta' ommha u rritornahulha dakinhar stess.

Fil-post kellu problemi biex jikkonnetti mal-ilma, izda wara hafna xoghol u tahbit rrnexxhielu. Anke ghad-dawl kellu problemi u wara hafna tahbit, bl-intervent tac-Chairman tal-Enemalta, nghata l-meter tad-dawl. Fil-kors tax-xoghol tal-bini tad-dar kellu hafna kedded mal-bennejja, li ma kienux imorru regolarment fuq is-sit. Hu hadem hafna fid-dar, jghid "Dak kollu li stajt naghti tajtu. God-dar hemm ruhi u qatt ma  mmaginajt li xi darba jkolli nohrog minnha".

Hu qal li fil-bidu taz-zwieg martu kienet tbaghti minn depressjoni u tensjoni, biex taljena rasha kien hajjarha taghmel kors ta' modelling, ta' beautician  u keep fit sessions. Kien jwassalha u jibqa' jistenieha sakemm tispicca. Minhabba d-depression ikkonsultaw mal-psikjatra Dr Schembri Wismayer, bdiet tiehu il-Valium u qatt ma wafqet tohodhom. Hu jghid li saret geluza hafna, dejjem tistaqsih fejn kien u ma' minn kien.

Hu biss kien jinteressa ruhu fix-xoghol li kellu jsir fil-villa, barra milli jissorvelja x-xoghol tal-haddiema kien jikkontribwixxi personalment bix-xoghol li hadem hu xi kultant perikoluz. Meta dahlu jghixu fil-villa hu seta' jikkoncentra izjed fuq ix-xoghol, barra is-sign writing beda jibni stands fil-fieri kummercjali u kien jahdem kollox, injam, hadid, jibni mudelli, jsuq containers, jibni it-tined, jiddisinja, jahdem tabelli  u "mitt haga ohra".  Bil-flus li kien jaqla xtara vannijiet u trukkijiet u kompla bix-xoghlijiet fid-dar.

Fin-1989 iffurmaw l-kumpanija kummercjali Autographics Ltd, ha self ta' LM15,000 mill-Lohombus biex xtara is-sistema ta' computerized signwriting u overdraft mill BOV ghall-LM10,000. Ir-responsabilita' tar-refusjoni tas-self u x-xoghol tal-kumpamija kienet tieghu wahdu billi martu ma kinitx tinteressa ruhha.

Meta ipotekaw id-dar bhala garanzija ghad-dejn irrealizza li kull ma pogga hu fid-dar kien tal-mara billi l-art kienet f'isimha. Tkellmu mal-

avukati Dottor Noel Buttigieg Scicluna u Dottor Richard B li tawhom il-parir li biex id-dar tkun tal-komunjoni jinhtieg li jsir kuntratt, pero' dan kien jinvolvi hafna spejjez. Ghalhekk iddecidew li biex ma jaghmlux spejjez, ma jaghmlu xejn u jekk jinqalghu xi problem id-dar tinqasam bejniethom, para 27 Fol.253. Hu jghid li ghalkemm talabha, l-mara ma kinitx tghinu f'xogholu, qatt ma ikkontribwit fix-xoghol tal-kumpanija, kienet teqridlu u tghidlu x-xoghol mhux importanti. Kien jaghmel kollox hu.

Il-konvenut jiddeskrivi l-hajja intima taghhom bhala wahda mhux komuni. Is-sess ghalihom kien biss ghall-pjacir u serhan fiziku u mentali u mhux biex jaghmlu t-tfal. Il-penetrazzjoni kienet xi haga rari, kienu jippartecipaw f'hafna loghob erotiku sadomasokistiku, li biz-zmien sar izjed intensiv billi draw lil xulxin, bl-uzu ta' rbit u strumenti li jintuzaw fil-loghob erotiku. Hu jghid li it-tnejn kienu jiehdu pjacir b'dan il-loghob.  Hu jghid li l-mara kienet dominanti u saret tghir ghalih, u dan mhux biss fis-sess izda anke fil-hajja normali. Jghid li kienet tipprova tumiljah quddiem in-nies, taghmel insinwazzjonijiet li ma kienx normali biex tbieghedhom minnu. Fuq hekk kienu jiggieldu hafna.

Hu jghid li l-mewt ta' missierha fin-1992 kellha effett hazin fuqha. Zdiedu il-problemi u l-argumenti bejniethom billi saret ghajjura u suspettuza, isegwih fuq ix-xoghol ghax ma kinitx tafdah, u kienet taqla' l-inkwiet ma' impjegati u ma' klijenti.  Jghid li dahlilha suspett meta akkuzatu li kellu relazzjoni ma' certa Patricia Marsh, li kienet segretarja ma' Casapinta Design Group.  Kienet saret tghir hafna, tikkontrolla x'qed jara fuq it-television; remietlu kollezzjoni ta' films, u taqbad mieghu fuq kollox. Jghid li minhabba l-komportament taghha kien ghaddej minn tensjoni kontinwa meta jidhol id-dar. Jghid li l-akkuzi kontinwi taghha effettwawh psikologikament tant li naqsitlu l-gibda sesswali lejn l-attrici u dan kien jkabbar l-glied bejniethom. Jghid li kienet dejjem tgorr bid-dwejjaq u bil-mard.  Bdiet tiffissa fuq il-mard, billi ohtha, Irene mietet bil-cancer.  Fin-1996, miet huha

Tony, ukoll bil-cancer, u skont il-konvenut "Din kienet daqqa oħra għall-mara li bagħatitha lura". Hu jgħid li lill-mara dejjem ta is-support morali u ħa ħafna pacenzja jismagħha. Wafqghet taħdem, u bdiet issegwih għax ħasbet li kellu relazzjoni ma' mara oħra. Beda jqatta' ħafna ħin magħha, kien joqgħod attent x'jgħid għax hi dejjem b'ħafna domandi, u tinterpreta kollox kif jidrilha. Kienet dejjem għassa tiegħu. Kienet tiddejjaq meta l-konvenut kien faħħar lill-impjegata ta' Casapinta, Elizabeth Schembri, bħal ma kien ifaħħar lil kull min jagħmel xogħolu sew. Kienet tiddejjaq u tgħir għal dik il-persuna.

L-konvenut jgħid li bil-pressjoni tax-xogħol u bil-glied kontinwu mal-mara dejjem suspettuża u takkużah b'infedelta', beda jbagħti minn uġigħ kbir f'sidru, bdew jitkellmu fuq separazzjoni, li hu ma xtaqx, għax kien għadu jħobb ħafna lil martu, u billi kellu ħafna xogħol tal-fiera ssospendew id-diskussjonijiet.

Billi l-uġigħ f'sidru żdied, sarulu it-testijiet u irriżulta li kellu bżonn *triple bypass*. Il-konvenut, fl-eta' ta' 39 sena, hadha bi kbira li kellu jagħmel *open heart surgery*. Meta kien fl-isptar qabel l-operazzjoni, ħareġ fuq bank taħt it-tieqa tal-ward bil-mobile, billi kien iddejjaq ġewwa, u meta ġiet il-mara u ma sabithux f'postu, qajmet paniku sħiħ, flokk ċemplitlu, tiġġieled man-nurses u t-tobba.

Il-konvenut jgħid li l-mara tiegħu ma kellhiex rispett għalih, irrakkonta inċident ftit ġimgħat wara li għamel il-bypass, li tant ħass bard bil-lejl li niżel isfel jagħmel it-te' biex jisħon u ra il-kelb rieqed ħdejn il-heater. Jgħid li l-attriċi lill-kelb tirrispettah iżjed milli tirrispetta lilu. Jgħid li hi qabdet ħajja ta' xebba, tqum meta tkun komda bla intriġi, toħroġ il-kelb għall-passiġġjata u wara tqatta il-ġurnata fil-ħwienet li għandhom x'jaqsmu mas-sbuħija. Tisjir kien rari u ta' malajr u biex ma taqlax l-kċina kienu joħorġu jieklu fil-għaxija ħames darbiet fil-ġimgħa.  Kontijiet kollha u seftura darbtejn fil-ġimgħa kien iħallashom hu. Kien jagħmel *bank transfers* għall-kont tagħha, ta' LM470 fix-

xahar, apparti flus cash f'idejha. Kienet issajjar ghall-klieb u dejjem tvarjalhom izda hu ikel qatt ma kien issib xejn, fridge dejjem vojta, u meta kienu jiftehmu jiltaqghu ghall-ikla ta' nofsinhar ma kinitx tkun d-dar, jew tigi aktar minn siegha tard, u ma tkun ippreparat xejn. Xi sentejn wara l-operazzjoni ghamlu ftit zmin minghajr glied, ghalkemm hi kienet interessata biss f'dak li jirrigwarda lilha. Hu jghid li ma kien jhalliha nieqsa minn xejn.  Bhala investiment flok xtara bicca art, xtralha djamanti, biex tkun tista tilbishom u tgawdihom. Dawn jiswew aktar minn LM20,000 u kienu l-ewwel items li hargu mid-dar xi sena qabel bdiet is-separazzjoni.

Xi sitt snin wara l-operazjoni tal-bypass, f'Lulju 2002 tah attakk tal-qalb meta kien mal-mara fil-pool tal-Hilton. Il-lejl ta' qabel il-mara taghtu kedda, b'hafna domandi u spicca xorob aktar minn flixkun inbid. Hadd minn shabu ma mar jarah ghax il-mara kienet qalet lil wiehed mill-impjegati biex ma jghid xejn li kien tah attakk tal-qalb. Beda jorqod fl-ispare bedroom.  Rega' kellu xi testijiet u saritlu 'stent' minn Dottor Herbert Felice billi wahda mill-arterji bdiet tinghalaq. Wara beda jbghati minn depression u insomnia, jorqod mhux aktar minn tlett sieghat kuljum, u ried jibda jissocjalizza. Hu jghid: "Bdejt nintebah li hafna zmien f'din id-dinja ma tantx kien baqghali u ridt nghix il-ftit zmien li ghad fadalli ftit ahjar milli kont qed nghixu dakinhar".  Ftehmu li wara li jmorru jieklu barra, jmorru Portovino, pero' il-mara ma damitx wisq biex iddejqet, ghalhekk ftehmu li jwassalha id-dar u wara jerga' imur wahdu jkompli jissocjalizza. Hu jghid li ha ghalih li l-mara hallitu wahdu, il-karattru taghha kien li jsir kollox kif tghid hi "jekk ma tirbahx thassar il-loghba". Il-konvenut f'gheluq is-sena mill-attakk ghamel 'get together' f'Portovino, stieden rgiel biss, hbieb, kollegi, l-cardjologista, l-account u xi klienti, kollha nies tal-familja, u martu akkuzatu li stieden prostituti Russi. Fl-ahhar tas-sena 2002 ghin lin-neputija tal-mara, Svetlana, finanzjarjament biex jkollha tieg decenti u gie akkuzat minn martu li ried jistieden  il-prostituti Russi.

Beda jkollhom hafna inkwiet bejniethom u bdew jghixu ghar-rashom. Anke hi bdiet tohrog ma' hbieb niesa u ddum sa tard barra. Kienet tmur il-Fuego biex tisfen ma' certa Sandra Jenkins li kienet tghallimha. Ipproponilha li la kienu qed johorgu it-tnejn setghu iqattghu xi hin flimkien, pero' ma kinitx accettat u r-relazzjoni taghhom kompliet sejra ghall-ghar. Hi qatghet kull kuntatt mieghu. Hu qalilha li kellhom bzonn lil xulxin u li bl-agir taghhom kienu qed ikissru lil xulxin. Billi ma kienx ghadu f'posizzjoni li jaghtiha il-flus li kien jaghtiha qabel ippropona li jaghtiha LM70 fil-gimgha, seftura darba fil-gimgha, johorgu jieklu xi tlett darbiet fil-gimgha jaghtiha flus extra biex tonfoq ghad-dehra taghha, u jhallas il-kontijiet kollha.

Hi gradwata mill-Universita' u kienet tahdem bhala teacher u jkollha diversi rikjesti biex tghallem l-Ingliz lill-barranin u b'hekk tghinu fil-piz finanzjarju. Hu jghid li hi woman of leisure u tberbaq flus bl-addocc fi hwejjeg, massaggi kosmetici et cetra u s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu kienet tipprekludih milli jaghmel dawn l-ispejjez. Waslu ghal xi forma ta' ftehim para 81 Fol. 268 dwar il –manteniment u kif jithallsu l-ispejjez u l-konvivenza bejniethom, pero' skont il-konvenut hi ma ikkoperatx, billi hi temmen li ma ghandhiex tkun attached ma' persuna ohra, billi dik ir-rabta hi forma ta' skavitu'. Bdiet issir arroganti hafna, kienet taqla' argument anke meta jaghtiha rigal, tmaqdar ir-restaurants fejn johodha tiekol, allura qata' r-rigali u l-hrug ghall-ikel.

Dwar il-messagg tal-mobile phone li bih akkusatu martu, spjega li l-persuna li baghtitu hi ta'nazzjonalita' Ceka, l-Ingliz taghha mhux tajjeb, ghax riedet tfisser 'contact' mhux 'touch', billi kien introduciha mal-Konslu li hu habib tieghu.

Il-konvenut jirrakkonta diversi incidenti, dwar il-hgieg fil-bibien tad-dar, ir-rapporti li saru lill-Pulizija, t-talbiet biex parti jew l-ohra jigu ordnati jallontanaw ruhhom mid-dar konjugali u ohrajn li huma il-

mertu tad-diversi rikorsi li saru miz-zewg partijiet fil-pendenza tal-kawza.

IL-konvenut, Fol. 280 jikkontesta l-allegazzjonijiet li ghamlet Cynthia Micallef fl-affidavit taghha u jispjega li l-mara li kienet mieghu meta marru Ghawdex, kienu marru fuq xoghol u ma kien hemm assolutament l-ebda intimita'. Ix-xhud ma ddeskivitx korrettement l-ilbies taghha, li ma kienx ezatt kif iddekrivitu hi u ma kienx ilbies provokanti.

Hu ddikjara li l-kondizzjoni prekarja ta'sahhtu tipprekludih milli jkompli jahdem kif kien, qed jirtira bil-mod u malli jsib xi part time job jaghlaq in-negozju tieghu.

**Anna Cali'**, fl-affidavit taghha, mahluf fl-1 ta' Dicembru 2005, Fol.399 ikkonfermat li saret taf lill-konvenut tramite Tonio Casapinta billi kienet technical adviser tieghu, u li kienu marru Ghawdex flimkien, hu biex jigbed r-ritratti u biex jidentifikaw sites fejn hi setghat torganizza events ghal *youth activities*. Hi qalet li xi xahar wara, l-konvenut uriha l-affidavit ta' Cynthia Micallef, li ma tafhiex, ikkonfermat x'kienet liebsa dik in-nhar, li ma jaqbilx ma dak deskritt mix-xhud. Ipprezentat ir-ritratt tat-top li kienet liebsa li mhux 'strapless' kif indikat ix-xhud u insistiet li ma kien hemm assolutament l-ebda intimita' u li l-inkontru mal-konvenut kien wiehed purament professjonali.

**Paul Vella** Direttur Tekniku ta' RMF Towing and Services Ltd , Fol 402, ikkonferma fl-affidavit tieghu, li l-vettura Jeep Cherokee, XSX010 tal-konvenut kienet ghandhom ghat-tiswijja meta hu kien msiefer bejn is-16 ta' Awwissu u l-24 ta' Awwissu 2005, ikkonferma li l-konvenut talab l-ghajnuna tal-kumpanija fil-25 ta'Awwissu 2005 ghal habta ta' l-4 ta' filghodu ghax wafqitlu, u wara ftit minuti hassar l-ordni billi sab min jwasslu.

**Ralitsa Kirilova**, fl-affidavit taghha, Fol.408 et seq. ikkonfermat li rat l-ewwel darba lill-konvenut f'Portovino, Portomaso meta kienet qed tistenna lill-boyfriend taghha jispicca mix-xoghol. Hi deherilha li kien dejjem ikun wahdu, xi kultant jorqod b'tazza imbid mimlija quddiemu. Il-boyfriend kien introduciha mal-konvenut billi kien jafu. Il-konvenut kien semma li kellu problemi d-dar u li jbaghti mill-insomnia, u kien ghalhekk li kien johrog sa tard, billi l-lejl kien twil wisq. Hi kienet qed isegwi kors fl-Universita' u l-konvenut kien jghinha fir-ricerka billi kellu access dirett ghal-internet, u kien jaghtiha pariri siewja fuq l-assignments li kien jkollha. Hi semmhiet l-okkazzjoni meta kien qed jiccelebra 'Celebrating Life' sena wara li kellu l-attakk f'qalbu. Ikkonfermat ukoll li kien stieden lilha u lill-habiba taghha billi l-boyfriend ma setghax, u li martu qaltlu li ma riditx 'Russian Prostitutes' fit-tieg tan-neputija. Kien jghid kemm kien imdejjaq u ddizappuntat id-dar, li l-mara jgibilha seftura izda ma thallihiex tnaddaf il-kmamar li kien juza hu. Kien ghalhekk li bdiet tmur hi stess erba' sieghat fil-gimgha. Ohtu Veronica u ommu kienu kuntenti li kienet qed tghinu. Hi kkonfermat li billi kienet taf li kienu f'kawza ta' separazzjoni, l-bibien kienu jinzammu miftuha, u ma setghatx temmen dak li ntqal mill-attrici dwarha, billi din kienet toffrilha kafe' u gallettini meta kienet tmur ghandhom. Hi qalet li kienet 'shocked' li martu akkuzatu b'peadophilia u spicca il-habs fuq tali akkuza.

**Charles Bonanno** fl-affidavit tieghu, Fol.411, ikkonferma li kien ilu jaf lill-konvenut minn mindu kellu sittax-il sena. Kienu jahdmu hafna xoghol manwali flimkien. Il-konvenut kien hadem fl-ispizerija ta' Anne, oht l-attrici, kien ghamel prattikament ix-xoghol kollu wahdu. Flimkien kienu jahdmu filghaxijiet wara x-xoghol, u anke fil-Hdud u s-Sibtijiet, biex bil-flus setghu jahdmu fid-djar taghhom. Kien l-uniku mod kif tista' tibni id-dar minnghajr ma taghmel loans mal-Bank. Billi kienu jahdmu hafna l-attrici kienet tgorr maghhom. Hu kkonferma li fl-gherusija l-konvenut xtara l-ghodda flok curkett, kien mar mieghu meta xtara l-ghodda. Kellhom l-istess bennejja li tawhom hafna kedded, u bdew jahdmu fid-djar taghhom meta tlesta x-xoghol tal-

gebel. Meta l-konvenut beda bix-xoghol tal-istands fil-fieri, kienu jahdmu kollox u bla wafqien, gieli hadmu tmintax-il siegha kuljum. Ikkonferma li l-attrici kienet tipprepara l-ikel ghall-klieb izda lill-konvenut lanqas sandwich ma kienet taghmillu.

Ikkonferma li l-konvenut kien ghamel il-bypass u li qabel l-operazzjoni l-attrici kienet issegwih biex tara fejn kien imur. Wara l-operazzjoni l-konvenut naqqas hafna mix-xoghol. Hu ddikjara li ilu jafu tletin dena, dejjem hadem biex izomm lil martu komda u ma jistax jifhem kif din saret tghobodu tant li rrapportatu li hu pedofilu, meta skond ix-xhud kulhadd jaf li mhuwiex. Hu qal li dak li sar mill-attrici kien vendikazzjoni billi taf li hu bniedem marid.

**Emmanuel Cassar**, fl-affidavit tieghu, Fol.414 et seq. jghid li ilu jaf lill-konvenut min qabel in-1980 billi hu kien jahdem ghand Manwel Delicata, u l-konvenut kien okkazjonalment ghamel xi xoghol hemm, kien jpitter tabelli u trakkijiet. Meta kien qed isir xoghol fil-fiera fl-istand ta' Delicata ghadda Tonio Casapinta li kien impressjonat bil-pittura fil-genb tal-istand, staqsa min ghamilha, u ghamlu kuntatt, u minn dak iz-zmien il-konvenut nghata hafna xoghol minn Casapinta. Ix-xoghol tal-konvenut zdied hafna, tant li x-xhud beda jahdem mieghu, u jsib nies ohra biex jahdmu maghhom. Hu ikkonferma li l-konvenut kien jahdem sieghat twal billi wara li kien jaghmel ix-xoghol tas-signs id-dar, kien imur jibni lis-stands. Hu jghid li l-attrici spiss kienet tmur fejn kienu qed jahdmu, tippassiga bil-kelb, u hafna drabi kien jinqala' argument bejna u l-konvenut. L-impjegati kienu jhossuhom skomdi b'dawn l-incidenti billi, l-konvenut kien jispicca jitlaq u jhallihom jahdmu wahedhom. Hu jghid li hi kienet tistaqsih, bil-lejl u kmieni fil-ghodu, fejn kien l-konvenut. Meta kien jkollu l-inkwiet mal-mara l-konvenut kien jkun mfixxkel fuq ix-xoghol u x-xoghol ma kienx issir sew.

Il-konvenut kien jordnalu biex jibghat xi haddiema taghhom, biex inaddfu id-dar, u jaghmlu x-xoghol ta' maintenance u dak kollu li jkun

hemm bzonn. Lill-mara kienu jipprovdulha karozza jekk jkollha taghha bil-hsara jew ghas-service. Hu jghid " Naf li C dejjem ha hsieb li l-mara tieghu ma kien jonqosha xejn. L-ewwel kienet tigi l-mara imbaghad hu".

Wara l-operazzjoni l-konvenut naqqas mix-xoghol, dak tas-signs ghaddih lil Joe Barbara, li kien jahdem mieghu, waqaf min kull xoghol fiziku billi ma setghax jaghmlu, u impjega nies full time biex ilahhaq max-xoghol. Ix-xoghol beda jonqos minhabba li l-prezzijiet rahsu u zdiedet il-kompetizzjoni.

Ix-xhud ikkonferma li Elizabeth Schembri kienet impjegata ta' Casapinta u ma kinitx impjegata tal-konvenut. Hu jaf li l-attrici qalet hafna inkwiet mal-konvenut fuq din il-persuna, li ftit kellha kuntatti tax-xoghol mal-konvenut billi kienet fuq sales u aktar kellu kuntatt maghha ix-xhud. Jaf li l-attrici insisthiet li din titkecca mix-xoghol, jaf ukoll li anke mal-mara ta' Casapinta l-attrici qalghet l-inkwiet fuq din il-persuna.

Meta ghal-habta tat-2002 l-konvenut tah attakk f'qalbu u kien fl-emergenza, l-attrici qaltlu biex ma jghid lil hadd lanqas lil Tonio Casapinta.

Ix-xhud semma l-incident tat-tieg tan-neputija tal-attrici u kemm qalet inkwiet ghall-konvenut, li kien qed jghin lill-gharajjes finanzjarjament. Hi wahhlet f'rasha li kien ser jistieden prostituti ghat-tieg, u biex ma jinqalghax inkwiet l-konvenut, ma stieden lil hadd l-anqas membri tal-familja. Hu kkonferma li l-konvenut hu bniedem generuz, jaghmel hafna gid ma' haddiehor, hu generuz mal-haddiema, gieli silefhom il-flus bla interessi.

Ikkonfema li f'nofsinhar martu ma kienet tippreparalu xejn, rah jiekol "landa tal-preserve u hobza". Jghid li meta kienu jsiefru fuq xoghol il-

konvenut kien jixtri lill-mara rigali mill-aqwa hwienet u kien lejali hafna lejn il-mara tieghu.

Wara l-attakk tal-qalb tal-konvenut ix-xoghol kompla sejjer lura, l-konvenut bil-kemm seta' ilahhaq ihallas il-pagi, tant li kellhom jiskkrappjaw xi vetturi.

Meta bdiet is-separazzjoni l-konvenut kien jicevi hafna messaggi anonimi, li ikkrejawlu hafna tensjoni kull meta jcempel it-telephone. Kienu ppruvaw jghinuh jiskopri min qed jibghathom.

Darba kien qallu li hemm hafna tensjoni d-dar u tah il-qisien tal-hgieg biex jmur ghand mastrudaxxa u jibdilhom bil-hardboard, billi martu kienet irrapportatu lill-Pulizija meta tkissret l-hgiega tal-kamra tas-sodda tieghu u spicca il-Qorti. Ix-xhud iddikjara li jkollhom hafna problemi fuq ix-xoghol, u biex ma jinkwetawx lill-konvenut ipprovaw jisolvuhom huma. Hu ikkonferma fid-dettal l-incident meta waqfet l-karozza tal-konvenut meta gie lura minn barra, billi kien mar ir-Russja ghat-tieg tat-tifel ta' Tonio Casapinta, u martu ghalqitu barra. Jaf li l-konvenut, wara li gie mis-safar kien gie arrestat mill-Pulizija, u li martu qalet li kien sawwatha. Wara sar jaf ukoll mill-konvenut li martu akkusatu bil-pedifolija, u hu kien xxokjat b'dan billi ilu jafu snin twal jahdmu flimkien u hu cert li mhux bniedem ta' hekk u "ma jasalx ghal dawn l-affarjiet". Hu jahseb li ghamlitlu hekk biex tinkwetah ghax taf li hu bniedem marid.

**Veronica B**, oht il-konvenut, fl-affidavit taghha, Fol. 419 iddikjarat li ltaqet mal-attrici fit-tieg ta' ohtha, Anne. Wara xi zmien il-partijiet bdew johorgu flimkien, bdiet tigi ghand il-genituri taghha, u saret parti mill-familja rispettata minn kullhadd.

Hi kkonfermat li d-dar residenza taghhom kienet l-holma tal-hajja ta' huha, li dahal ghal dan l-impenn li jibni d-dar b'ruhu u gismu. Kien thabat hafna ghal-permessi, kien jmur jissorvelja ix-xoghol kuljum u

kien jahdem hu stess, anke xoghol perikoluz sa tard bil-lejl. Taf li xtara hafna ghodda u li kien jhallas min butu l-ispejjez ghax-xiri tal-materjali.

Hi kkonfermat li qabel dahlu fid-dar wara li kienu jghixu ghand ommha, ghamlu xi zmien ghandha, f'San Pawl Tat-Targa. Kienu ddiskutew il-kwistjoni tad-dar mal-ex ragel taghha, Dottor Noel Butigieg Scicluna, li kien irriferihom lill-Dottor Richard B.

Fil-bidu l-attrici kienet tahdem ta' ghalliema u kienet tilmenta li s-salarju kien baxx, u billi n-negozju li beda l-konvenut qabad, wafqet tahdem, u fil-ghodu kienet ddur fil-hwienet, tiltaqa' mal-hbieb ghal-kaffe', kellha hajja komda u facli izda dejjem tgorr u bid-dwejjaq. Hi kkonfermat li kienu spiss jillittigaw, C kien jitlaq l-barra u huma kienu jmorru jfittxuh, gieli sabuh rieqed fil-karozza. Hi qalet li l-glied kien ikun dejjem minhabba suspetti infondati taghha billi kienet tghir ghalih. Hi kkonfermat li l-attrici kienet tmur l-ufficju ta' Tonio Casapinta u taqla' hafna inkwiet. Lill-huha tiddeskrivieh bhala persuna li dejjem lest jghin lil min jitolbu u dan jaghamlu minn qalbu. Ikkonfermat li l-attrici saret ossessjonata fuq din Elizabeth, impjegata ma' Casapinta, kienet issemmieha l-hin kollu . Meta kienu jiggieldu fuqha , l-konvenut kien jitlaq u jmur ghand ix-xhud u jmorru jieklu x'imkien. L-konvenut, minhabba dan l-inkwiet kien ghaddej minn tensjoni qawijja li kienet qed tirrefletti fuq sahhtu.

Anke qabel ma dahal ghall-operazzjoni tal-bypass kienet inkwetatu ghax xtara electronic note book. Kemm hbieb kif ukoll membri tal-familja kienu disgustati bl-agir tal-attrici, pero' hadd ma kien jazzarda jghid xejn ghax kienet tiswhielu ghar lill-huha. L-attrici kienet tilmenta ukoll mill-barbeques li kien jkollhom fil-gnien tal-Villa. Huha kien jaghamilhom biex ilaqqa' iz-zewg familji. Hi ma kienet taghmel xejn, kien jixtri u jsajjar kollox hu, wara n-nisa prezenti tal-familja kienu jnaddfu u l-ghada l-konvenut kien jibghat l-impjegati biex jahslu l-gnien. Hi nnotat li l-attrici kienet dejjem titkellem b'mod negattiv fuq

il-konvenut, mentri hu qatt ma qal xejn kontra taghha, l-anqas meta kienu jargumentaw. Hi kkonfermat li meta l-konvenut kien l-isptar b'attakk tal-qalb, l-attrici kienet qaltilhom biex ma jinfurmawx lill-hbiebu x'kien gara. Wara li hareg mill-isptar kellu problema ta' irqad, billi ma setghax jorqod bil-lejl. Kienu johorgu jieklu barra kuljum billi l-konvenuta ma kinitx issajjar hlief ghall-klieb. Wara l-ikel fil-ghaxija C kien jkun jrid jmur Portovino, ghall-tazza inbied u biex jissocjalliza. Fil-bidu kienet tmur mieghu, izda wara ftit xebghat u beda jmur wahdu. Hawn beda l-inkwiet billi hi bdiet tohrog mal-hbieb, u kien hemm okkazzjoni meta hallietlu biljett, ma sabhiex id-dar meta rritorna u kien inkwetat xi seta' gralha. Hi kkonfermat li qabel is-separazzjoni l-attrici qatghet kull kuntatt maghha u huha kien juriha messaggi anonimi li kien jircevi bi kliem oxen u dispreggjattiv anke fil-konfront tax-xhud. Hi kkonfermat li darba meta kienet mieghu fil-karozza rceva telefonata mill-ispettur tal-Pulizija, mill-Ghassa tan-Naxxar. IL-konvenut qalilha ukoll li l-attrici ghamlet rapport li kissrilha saqajjha, u hi taf li huha qatt ma refa' idejh fuq martu.

**Tanya Casapinta** fl-affidavit taghha. Fol. 423 ikkonfermat li l-attrici kienet tmur il-fieri spiss mhux ghax kien jinteressha ix-xoghol izda biex tikkontrollha lill-konvenut. L-attrici kienet tghir ghall-impjegati nisa kollha, u l-istaff kienu skomdi meta b'xi skuza kienet tmur fl-ufficju taghhom. Hi kkonfermat li l-attrici kellha suspett li kien hemm xi haga ghadejja bejn il-konvenut u Elizabeth Schembri, li sussegwentement irrizulta li ma kienx minnu, u insisthiet li zewgha, Tonio Casapinta jitterminalha l-impieg. Hi kkonfermat li l-attrici kienet dejjem *depressed* anke meta kienu jsiefru ma' zwieghom li kien ikollhom xoghol barra. Hi kkonfermat li l-kcina tal-attrici kienet tkun dejjem nadifa, ma kinitx issajjar hlief ghall-klieb. Iddikjarat ukoll li wara vjagg strapazzus mir-Russja, waslu Malta fil-25 ta' Awwissu 2005 u l-konvenut cemplilhom li ma setghax jidhol id-dar u li l-karozza wafqitlu. It-tifel taghha Damian mar bil-karozza tieghu biex jghinu.

**Damian Casapinta**, fl-affidavit tieghu, Fol.425 jghid li sar jaf lill-konvenut billi missieru u l-konvenut kienu jibnu stands f'fieri internazzjonali, u kienu jmorru zewg familji. Hu jghid li kien jmur fuq xoghol id-dar taghhom, fejn l-attrici kienet tghix qisha regina. F'Lulju 2002 l-konvenut cempillu biex jghidlu li kellu attakk f'qalbu, billi martu ma riditx iccempel hi. Fix-xoghol kellhom problema ta' cash flow, imma l-attrici ma kien jimportha xejn minn dan billi il-konvenut kien jaghtiha hafna flus. Ma kellhomx tfal u l-flus kienet tonfoqhom ghand beauticians u hairdressers u fuq il-persuna taghha. Kienet tghix hajja lussuza. Hu kkonferma li ftit wara li bdiet is-separazzjoni l-konvenut beda jircevi hafna messaggi anonimi, u ghalkemm ippruvaw jghinuh isib min kien qed jibghathom ma rrnexxhielhomx. Hu ikkonferma li meta gew lura mir-Russja, malli wasal id-dar rceva telefonata mill-konvenut li l-karozza wafqitlu u l-mara ghalqitu barra. Waslu d-dar, dahal wara hafna tisbit fuq il-bieb, u gie lura biex jghidlu li martu serqet dak kollu ta' valur fid-dar, sgassattlu l-ufficcju, serqitlu l-computer u hafna oggetti ohra. Hadu l-Ghassa biex jaghmel rapport. Qalulu jmur lura d-dar u jghidilhom ezatt x'sab nieqes. Waslu lura d-dar u ra lill-partijiet jargumentaw. Hi qaltlu li ser titfghu il-habs u tkellmet fuq il-mobile mal-private investigator taghha li wara saru jafu li kienet Grace Gatt. Hu kien prezenti u ikkonferma li l-attrici weggghat meta tgerbdet fil-bankina u waqghet, u li l-konvenut ma kienx missha. Il-kuntatt bejniethom sar meta hi griet wara l-konvenut u qabdithu minn qaddu. Hu kkonferma li ha lill-konvenut id-dar tal-genituri tieghu, kien bla nifs jfittex fil-borza taghha biex jiskopri minn ghin lill-attrici tisraqlu l-affarijiet mill-ufficju, wara rega' hadu id-dar tieghu. Ix-xhud gie interrogat mill-Pulizija dwar l-incident u personalment ikkonsenja ittra tal-kardjologista Dottor Walter Busuttil dwar il-kondizzjoni ta' sahha prekarja tal-konvenut. Dak il-lejl il-konvenut inzamm fil-lock up, li kien riskju kbir ghal sahhtu. Hu kkonkluda li martu intenzjonalment tinkwetah ghax taf li l-inkwiet, pressjoni u t-tensjoni huma ta' hsara kbira ghalih fil-kondizzjoni li jinsab. Il-konvenut qallu li gie rilaxxjat wara tletin siegha u li martu rrapportatu li hu pedofilu.

**Tonio Casapinta**, fl-affidavit tieghu Fol. 429 et seq.ikkonferma li sar jaf lill-konvenut, tramite Emmanuel Cassar, meta kien ra ix-xoghol tal-konvenut fil-Food and Drink Fair fi Frar 1987. Hu ikkonferma li ghamlu hafna xoghol flimkien, anke barra minn Malta. F'okkazzjoni minn dawn il-konvenut gab lill-martu mieghu, pero' din ma kinitix tidher kuntenta. Ix-xoghol zdied, bdew jahdmu flimkien, u t-tnejn investew il-flus permezz ta' loans, fin-negozju taghhom, il-konvenut xtara 'state of the art computer-cutting plotter' mill-Amerika, u n-negozju baqa' jikber u jizdied. Il-konvenut ifforma il-Kumpanija tieghu, Autograaphics Limited, u komplew jahdmu flimkien b'success numru ta' snin. Minnhabba l-istress u t-tensjoni li kien ghadej minnha bil-kawzi li saru kontrih wara r-rapporti ta' martu, l-konvenut naqqas mix-xoghol u zamm ir-rwol ta' konsulent mieghu. Hu kkonferma li l-konvenut qatt ma kellu ghajnuna minn martu, li kienet tkun dejjem mdejqa u tipprettendi li l-konvenut joqghod maghha l-hin kollu. Meta kienu jsiefru fuq xoghol biex izzommha kuntenta il-konvenut kien jiehu lill-attrici mieghu. Din kienet spiza billi kienet tixtri l-ahjar mill-aqwa hwienet.

F'Malta fil-fieri hi kienet tigi biex taccerta ruhha li hu kien hemm u kienet tharbat il-programm tax-xoghol ghax kien ikollu jitlaq maghha. Hu kkonferma li kienet tghir ghal Pat Marsh li kienet impjegata mieghu, li ma kien hemm assolutament xejn bejn din l-impjegata u l-konvenut. Kienet biss l-ghira u l-invenzjoni tal-attrici. Hu kkonferma li l-konvenut u Edward Zammit, impjegat tieghu, ma kienux jaqblu, li l-konvenut ghallem lit-tifel tieghu, Damian u stradah fin-negozju. Hu kkonferma li meta fin-1996 l-konvenut kien ser jaghmel l-operazzjoni, kien mdejjaq u xtaq li ma jaghmilix halli hajtu tintemm ghax kien jghidlu li ma kienx baqhalu interess fil-hajja billi martu qaltlu li wara li johrog mill-isptar kellhom jiddiskutu l-problemi taghhom. Minflokk tikkonslah u tenkoraggieh kienet theddu, kienet krudili mieghu meta l-izjed li kellu bzonn support u l-ghajnuna taghha. Ikkonferma li damu aktar minn saghtejn jistennewha biex tigi ghalih mill-isptar, bl-iskuza

li riedet taghmel il-make-up. Ix-xhud jghid “This is exactly A at her very best!—Selfish, self centered and first me, then me, and if there is anything left it’s me again”. Hu ikkonferma li meta l-konvenut rega tah attakkk fil-pool tal-Hilton spicca l-isptar u hi riedet li hadd ma jkun jaf tant kemm hi persuna dominanti.

Il-kovenut, wara dan l-attakk naqqas mix-xoghol, li kien qed jonqos billi l-klijeti riedu jonfqu anqas u l-kirja tal-art tal-fiera kienet ser taghlaq.

Hu kkonferma kemm il-konvenut hu generuz. Ma’ bniedem minn Sierra Leone, li habat bil-van u hallaslu l-ispejjez kollha, ma’ mara li tkecciet mid-dar mill-genituri u l-aktar man-neputija tal-attrici, Svetlana Grech u l-gharus taghha. Il-konvenut hallsillhom ghat-tieg fil-Phoenicia. Martu flokk irringrazjatu ghajritu ‘fanfarun’.

Ix-xhud ikkonferma ukoll dak li gara fil-25 ta’ Awwissu 2005, meta gew lura mir-Russia fejn kienu marru ghat-tieg ta ‘ibnu, Kurt. Wara vjag fattikuz, waslu Malta fis-2.00 am, ftit wara cemplilhom il-konvenut billi wafqitlu il-karozza u l-mara ghalqitu barra. Ix-xhud ddikjara “She is literally killing him little by little”. Il-konvenut qatt ma kien qed jistenna li martu li tafu sew ser tasal biex takkuzah li hu pedofilu.

Xhed illi wara dawk is-snin kollha ta’ xoghol iebes, il-konvenut spicca bla sold. Jaf li l-konvenut dejjem ipprova jzomm lill-martu kuntenta, xtalha gojjelli, karozzi, hwejjeg ghaljin, safar u lukandi lussusi. Intortament sab ruhu f’sitwazzjoni fejn qed jigi mitlub li jitlaq mid-dar li hadem fiha b’mod estensiv hu stess. Safejn jaf il-konvenut dejjem ipprova jsalva z-zwieg izda ma’ martu dan ma rnexxhiex.

**Jelena Dimitrijevic**, fl-affidavit taghha, Fol. 441 ddikjarat il-konnessjonijiet taghha ma’ familja Maltija, kif saret taf lill-konvenut f’Portovino, li mieghu kien ikollha diskussjonijiet interessanti dwar l-

arti, l-fotografija, muzika, politika u geografija. Irrakkontat id-dissappunt taghha, tal-habiba taghha u tal-istess konvenut li gie mitlub minn martu jirtira l-invit taghhom tat-tieg tan-neputija taghha, ghax ikkonsidrawhom prostituti Russi. Hi ddikjarat li kienet infurjata b'din l-allegazzjoni infondata.

Il-konvenutipprezenta it-tieni affidavit tieghu b'nota tad-19 ta' Mejju 2006 Fol. 443 et seq. fejn inter alia jikkummneta fit-tul fuq il-kwantita' ta' rikorsi li saru kontrih biex jigi allontanat mid-dar matrimonjali.

L-attrici, b'risposta ghall-affidavit tal-konvenut, ipprezentat affidavit ulterjuri b'nota tat-22 ta' Mejju 2006 Fol. 464. Hi kkummentat dwar l-incidenti li saru fil-25 ta' Awwissu 2005, meta zewgha kien irritorna mir-Russia.

**Claudette Portelli**, clinical psychologist, fl-affidavit taghha, Fol. 470 ikkonfermat li meta l-attrici marret ghandha l-ewwel darba "kienet f'istat inkwetanti, u wriet sintomi ta' post-traumatic stress u anke depressjoni- reactional depressive symtoms. Dawn huma sintomi komuni f'nies li bhal l-attrici ghaddew minn mumenti difficili. Meta irreallizzat li spicca kollox ma' zewgha, kellha deluzzjoni u rabja kbira u kienet qed izzomm kollox go fiha. Dan kollu kien qed ikissirha psikologikament u fizikament bil-mod il-mod. Kienet qaghtet qalbha mid-dinja, minn nies ta' madwarha u anke minnha nnifisha- Reactional Depressive Symtoms.

Ghalhekk bhala parti mit-terapija giet mistiedna tohrog dawn l-emozzjonijiet, b'mod intimu u kostruttiv. Dawn huma ittri terapewtici u kellhom jigu moghtija lilha u lil hadd izjed. Izda jidher li dawn spiccaw f'idejn il-konvenut.

L-**Avukat Dottor Noel Buttigieg Scicluna** fl-affidavit tieghu, Fol. 474 jikkonferma li ilu jaf lill-partijiet ghal hafna snin, ra l-affidavits li

gew pprezentati, ddikjara li ma kellu xejn x'jzied u llimita ruhhu biex jikkummenta fuq il-propjeta' tar-residenza Kimera 1 Triq id-Dejma, San Pawl Tat-Targa. Hu kkonferma li l-art nxtrat mill-mara bil-flus li ghaddhielha missierha. Il-genituri taghha ghamlu diversi kontibuzzjonijiet registrati f'librett, ghal-kostruzzjoni tal-istess. Il-partijiet it-tnejn ikkontribwew, hi kienet ghalliema u kkontribwit bil-flus li kienet taqla' u hu ikkontrbwixxa bix-xoghol li hadem fil-post. Kull darba li r-ragel ghamel loan mal-Bank, kien jsir rikors fis-Sekond Awla biex hi tipoteka il-propjeta' li kienet f'isimha. Hu ddikjara li l-konvenut kien jaf li l-propjeta' kienet tal-mara. Meta hi wirtet flus minghand missierha iddepositathom f'kont f'isimha u hemm ir-ragel irrealizza li l-posizzjoni tieghu ma kinitix solida, giet diskussa il-possibilita' li b'kuntratt tittrasferilu in-nofs, pero' in vista tal-ispejjez involuti, u billi ma kienx hemm inkwiet bejniethom ma sar xejn.

**Lucia Mifsud**, fl-affidavit taghha, Fol. 611 li hi l-armla ta' Anthony Mifsud, hu l-attrici, li miet fin-1996. Ir-ragel taghha, Tony kien l-kbir mill-ulied, l-ohrajn kienu M'Ann, Irene, li giet nieqsa, u A, l-attrici li kienet iz-zghira. Ir-ragel taghha kien kompla n-negozju ta' missieru, inbid u soft drinks, u wara li miet zewgha, in-negozju beda jitmexxa minn binha Antonio, u hi tghinu bhal ma kienet tghin lil zewgha.

Hi qalet li mill-biegh ta' bicca art fil-Qawra, missier ir-ragel kien dahhal LM28,000 li qasamhom bejn l-erbat itfal li rcevew LM7,000 kull wiehed. Kemm zewgha, kif ukoll l-attrici rcevew dan l-ammont. Dan kien qabel ma zzewget l-attrici. Hu kien ukoll jaghti lil uliedu bejn LM100 u LM150 fix-xahar mill-business tal-fabbrika tal-ghagin li kellu ma' hutu. Hi kkonfermat li l-missier kien xtara tlett plots f'San Pawl Tat-Targa, wahda ghal A li kienet ghadha xebba, l-plot ta' hdejha bieghha bi qlieh wara sena u zamm il-flus, l-ohra nbieghet fin-1997, u l-itfal taghhom LM10,000 kull wiehed. Hi kkonfermat li l-missier kien ihallas ghall-ispejjez tal-bini tad-dar tal-partijiet, kif kien ghamel ma hut l-attrici qabel. L-attrici wirtet xi flus minghand missierha li kienu fi flus sterlina, l-attrici kienet tonfoq minnhom meta hi u zewgha

kienu jkunu Londra, wara gabithom Malta u qed tghix minnhom billi mhiex qed tircevi manteniment minn ghand zewgha.

**Salvina Frendo Cumbo**, impjegata fi hdan l-Agenzija Appogg, ipprezentat il-monitoring report taghha, fit-12 ta' Marzu 2009 Fol. 1113 et seq. Vol 5. Hi rrakkomandat illi l-koppja ma jghixux taht l-istess saqaf, li jiefqu mill-pika ma xulxin, u li jerga jsir tentattiv ta' edjazzjoni mal-koppja sabiex dawn jaslu ghall-ftehim.

**Il-Perit Legali Dottor Ingrid Bianco**, halfet ir-rapport taghha, fid-19 ta' Novembru 2013, Fol.2372 et seq. Vol. 9. Hi kkonkludiet li l-htija tat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet hi tat-tnejn li huma b'mod ugwali, li kull parti ghandha tmantni lilha nnifisha,u ma ghandu jigi ordnat l-ebda hlas ta' manteniment, ikkolkalat li l-arrettrati tal-manteniment dovuti mill-konvenut jammontaw ghal Euro28,868.40, li ma ghandhiex tigi milquha it-talba ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16, li l-konvenut ghandu jinghata 1/3 terz tal-valur tad-dar matrimonjali, li hi propjeta' parafernali tal-attrici, fl-ammont ta' Euro155,333.33, li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici sehemu mill-kont tal-Perit Tekniku fl-ammont ta' Euro2,837.06, li kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji f'isimha, li l-Endowment Policy mahruga mill-Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited tigi likwidata u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet, li l-vettura Citroen Xsantia numru ta' registrazzjoni XXX222 li skont l-attrici tiswa Euro3,100, tigi assenjata lilha, u lill-konvenut jigu assenjati l-vetturi l-ohra tal-komunjoni, li is-socjeta' Autographics Limited tigi likwidata u xjolta u l-ispejjez u d-djun jithallsu ugwalment bejniethom, li l-gojjelli jigu assenjati lill-attrici u l-apparat tal-fotografija u computers jigu assenjati lill-konvenut, kull parti ghandha tigi assenjata l-pitturi li pittret hi stess, l-ghamara u l-pitturi rimanenti jigu stmati u jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, kull parti ghandha tinzamm responsabbli li thallas l-arrettrati ta' taxxa taghha, u li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attrici.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Responsabilita' Ghat-Tkissir Taz-Zwieg.**

Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar il-Firda Personali huma l-artikoli 35 sa 66 tal-Kapitolu 16 Tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 38 tal-Kapitolu 16**:

"Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra".

**Artikolu 40**:

"Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment".

**Artikolu 44**:

"Il-fatt li jkun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu l-firda, mhux ta' xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu l-firda kontra xulxin".

Il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghti lok ghall-firda huma elenkati fl-artikolu 48.

**Artikolu 48**:

"(1) Il-parti, r-ragel jew il-mara, illi tkun il-hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-

(a) Il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) Dak kollu li  tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;

(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) Il-jedd li iggiehel lill-parti l-ohra, f'kull kas, li taghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

L-artikoli imsemmijin fis-sub incis (a) jirreferu ghad-drittijiet successorji bejn il-konjugi.

**Artikolu 51**:

"Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti imsemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kas, ghandhom ighoddu, f'kollox jew bicca, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

**Artikolu 52**:

"Hu mholli ukoll f'idejn il-qorti li tiddecidi, skont ic-cirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 ghandhomx ighoddu, f'kollox jew f'bicca, ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, inkella m'ghandhomx ighoddu ghal hadd minnhom, jekk il-wiehed u l-ohra jkunu htija tal-eghmil li jaghti lok ghall-firda".

Fir-rigward tal-proprjeta immobiljari formani parti mill-mertu tal-kawza odjerna ssir referenza ghall-**artikolu 323 tal-Kap 16** li jipprovdi illi min ghandu il-propjeta tal-art ghandu wkoll dik ta' dak kollu li jkun fuq jew taht l-art.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Rosina Micallef vs Angelo Micallef** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964 :

"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagini u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubbju f'min ghandu jiggudika. Huwa sufficjenti li tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mil-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali."

Fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Edwards vs Avv Dottor Joseph H Xuereb noe** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 gie dikjarat illi:

"Darba ippruvat l-adulterju tal-konjugi konvenut, il-Qorti m'ghandhiex bzonn tidhol f'motivi ohra ta' separazzjoni dedotti fic-citazzjoni.

Inghad ukoll illi hija regola generali tad-dritt illi min jallega jrid jipprova. Dan huwa principju li gej mid-dritt Ruman – **Actori ncumbit onus Probandi -** u **- Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat -** Dan il-principju ta' dritt huwa sancit ukoll fil-ligi tal-procedura nostrana. **Artikolu 562 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta proprju jipprovdi illi : "*Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Ikkunsidrat;

Indubbjament, iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment. Iz-zewg partijiet jaqblu li hemm lok ghas-separazzjoni personalment. Pero' ma jaqblux dwar min minnhom kien responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhom. Jakkuzaw lil xulxin bil-htija.

L-attrici takkuza lill-konvenut li kkommetta adulterju Il-konvenut ma jakkuzax lill-attrici b'adulterju izda bi htijiet serji da parti taghha, li rrendew iz-zwieg taghhom impossibbli.

Fil-pendenza tal-kawza gew ipprezentati kwantita' konsiderevoli ta' rikorsi miz-zewg partijiet sabiex il-parti l-ohra tigi allontanata mid-dar konjugali, biex jigi varjat u eventwalment sospiz il-manteniment, u, fost ohrajn, biex il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jinqasmu ugwalment; gew ipprezentati kwantita' ta' rapporti li saru mal-Pulizija; gew ipprezentati kopji ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali, billi fuq allegazzjonijiet reciproci ttiehdu proceduri kriminali kontra it-tnejn, personalment, u dan b'konferma ta' litigji u dissidji kontinwi u akkaniti, prattikament interminabbli. It-testimonjanzi tal-partijiet u tax-xhieda minnhom imressqa jaghtu stampa cara ta' hajja matrimonjali travaljata u infelici ta' koppja li potenzjalment kellha r-rekwiziti biex il-hajja konjugali tkun success, izda li sfortnatament spiccat fil-falliment u kollass totali. Koppja li minn l-estremi fl-intimita' taghhom marru fl-estrem oppost ta' bruda, indifferenza u oddju ghal xulxin.

Ikkunsidrat;

Il-partijiet izzewgu fis-27 ta' Marzu 1983. Skont l-attrici fis-sena 1996 bdew il-problemi, billi hi bdiet tissuspetta li l-konvenut kellu konfidenzi zejda u relazzjoni intima ma' certa Elizabeth Schembri, li kienet impjegata bhala sales person ma' Casapinta Design Group Limited. Il-konvenut ikkontesta din l-allegazzjoni u insista li l-kuntatt ma' Elizabeth Schembri kien wiehed professjonali u xejn aktar. Tonio Casapinta kkonferma li kellimha, u assikuratu li ma kien hemm xejn

bejn hi u bejn il-konvenut u li kellha ‘a steady boyfriend’. Irrizulta li l-attrici ppretendiet li Elizabeth Schembri titkecca mix-xoghol u qalet kwistjoni simili dwar certa Patricia Marsh, li kienet segretarja ma’ Casapinta. Fl-istess sena, f’Settembru 1996, il-konvenut kellu bzonn jaghmel ‘bypass’, l-attrici qalet lis-social worker, Fol.1115, li kienu gia’ ftehmu dwar separazzjoni, izda minhabba l-operazzjoni, u anke ghax kienet tkellmet ma’ psikologu u avukat li qalilha li zewgha kellu bzonn l-ghajnuna, iddecidiet li tiehu hsiebu. Sas-sena 2002 ma kellhomx problemi matrimonjali partikolari, pero’ f’Lulju 2002 il-konvenut tah attakk tal-qalb u wara li rkupra qabditu depression, ma setghax jorqod bil-lejl, u ried johrog biex jissocjalizza. Il-partijiet ma baqghux jorqdu flimkien billi hu kien jbghati min l-insomnia, u ghamlu zmien johorgu flimkien, billi wara l-attakk ma kienx f’posizzjoni li jsuq, izda wara xi zmien l-attrici tghid li ghajjiet u ddejqet u ghalhekk ma baqghux johorgu flimkien. Skont l-attur pero’ lill-attrici ra tizfen il-“Fuego” ma’ mara ohra. Il-partijiet baqghu jikkoabitaw minghajr ma jikkommunikaw, u dan wassal ghal sitwazzjoni ta’ konvivenza impossibbli. It-tnejn kellhom l-areas riservati ghalihom fid-dar matrimonjali, bhal l-ufficju li kien jinzamm maghluq, u kmamar tas-sodda differenti. F’din is-sitwazzjoni ta’ ‘inkomunicado’ bejniethom l-litigji u l-kwistjonijiet immultiplikaw.

L-attrici bdiet iggib seftura biex tnaddaf fid-dar matrimonjali izda mhux il-kmamar li juza l-konvenut. Il-konvenut irreagixxi billi jgib konoxxenza tieghu, persuna Bulgara, biex tnaddaflu. L-attrici tallega intimita’ bejniethom, u l-konvenut irreagixxa ghal dan billi beda jgib ukoll lill-boyfriend taghha, biex ma jkunx hemm allegazzjoijiet mill-attrici.

L-attrici tallega li l-konvenut kien jigri mad-dar liebes b’mod indecenti, jigbdu ir-ritratt lil xulxin. Meta l-konvenut rritorna Malta wara li kien mar tieg ir-Russia sab li l-attrici sgassatlu l-ufficcju u haditlu l-computer u flus u rrapportatu lil-Pulizija li hu pedofilu. Kellhom l-incident tal-handbag, fejn l-attrici allegat li l-konvenut

aggrediha u kissrilha s-swaba ta' saqajha, mentri rrizulta li wegghet billi tkerbet fil-bankina.

Ittiehdu proceduri kriminali kontra it-tnejn fuq akkuzi reciproci. L-aktar gravi certament dawk tal-attrici li akkuzatu li hu pedofilu. Fil-fehma tal-Qorti tali akkuza saret b'vendikazzjoni u mhux ghaliex l-attrici kienet temmen li l-konvenut hu pedofilu.

L-attrici allegat li l-konvenut ikkommetta adulterju. Mill-provi kollha mressqa mill-attrici ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat li l-konvenut kien adulterju. L-attrici ma tillimitax ruhha biex takkuzah b'relazzjoni intima ma' mara specifika, izda takkuzah b'adulterju ma' prattikament kull persuna ta' sess feminili li kien jiltaqa' maghha fuq ix-xoghol. Hekk gara fil-kaz ta' Patricia Marsh u Elizabeth Schembri li it-tnejn kienu impjegati ma' Tonio Casapinta, li kien l-aqwa klijent tal-konvenut. Mhux biss ma irrizultatx l-allegazzjoni tal-adulterju, irrizzulta, in vece, l-atteggjament censurabbli tal-attrici, li b'akkaniment pperseverat u ppersistiet fl-insistenza taghha sabiex dawn it-tnejn jitkeccew minn fuq il-post tax-xoghol.

L-attrici tallega li l-konvenut ikkommetta adulterju ma' Ralitsa Kirilova, li kienet tnaddaflu l-ambjenti minnu okkupati fid-dar matrimonjali, liema allegazzjoni ma giet ippruvata bl-ebda mod. Akkuzatu li kkommetta adulterju ma' Anna Cali' li kien mar maghha Ghawdex fuq xoghol, akkuza ukoll li ma irrizultatx. L-attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, Fol 1235 takkuzah b'adulterju ghax kien jiffrekwenta n-night clubs, u ghax kien isiefer. Min jallega jinkombi fuqu l-obbligu procedurali li jipprova. Il-provi, meta jigi allegat l-adulterju jinhtieg li jkunu gravi, precizi u konkordanti tant li ma jhallu l-ebda dubbju f'mohh il-giudikant. Fil-kaz in ezami tali prova ma saritx, u l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut ikkommetta adulterju ma irrizultatx.

Is-sena 1996 kienet wahda difficili ghall-partijiet. Il-konvenut, f'dik is-sena fl-eta' ta' 36 sena kellu jaghmel 'triple bypass'. L-attrici, wara li tilfet lill-missierha fin-1992, tilfet lill-ohtha, Irene, li mietet b'cancer, u bl-istess marda miet huha Anthony fin-1996. Dawn ic-cirkostanzi partikolari, kellhom effett determinanti fuq il-partijiet. Il-konvenut iddecieda li jibdel hajtu billi kien konvint li ma kellux hajja twila, l-attrici, partkolarment f'dik is-sena ma kinitx interessata fil-hrug, kif xtaq hu. L-attrici ikkonfermat li f'dik is-sena kienu gia' ftehmu kif ser jisseparaw. Fis-sena 2002, il-konvenut kellu attakk tal-qalb, u wara kellu 'ftit depression u insomnia' Fol. 264. Il-partijiet, biz-zmien bdew progressivament, jitbehedu minn xulxin, u tilfu dik l-affinita', komplicita', rispett reciproku,u mhabba ghal xulxin, u l-fatt li komplew jikkoabitaw minnghajr ma jikkommunikaw, kellu effett dizastruz fir-relazzjonijiet taghhom.

Skond il-konvenut l-attrici tant iffissat li ma kienx fidil lejha, li kienet ripetutament takkuzzah b'intimata' ma' nisa ohra, mhux biss, kienet timbarazzah billi tmur fejn ikun qed jahdem biex tikkontrollah, xi drabi taqla' kwistjoni quddiem l-impjegati l-ohra, u tinsisti ma' haddiehor li certa nisa jitkeccew minn xogholhom. Dan wassal sabiex il-partijiiet ma jibqghud intimi ma' xulxin filwaqt li l-attrici saret tghir ghalih u bejniehom dahlet l-bruda u l-apatija u sussegwentement l-akkuzi reciproci ta' natura kriminali.

Il-perit legali kkonkludiet li t-tnejn huma responsabbli ugwalment ghat-tkissir taz-zwieg, l-attrici bil-karattru ossessiv taghha u l-persekuzzjoni taghha versu l-konvenut, u l-istess konvenut billi wera nuqqas ta' rispett lejn l-attrici bi hibiberji ma' diversi nisa' u hrug zejjed.

Il-perit legali, in oltre, tirrileva li "ebda minnhom ma gharaf ifittex ghajnuna adekwata, anke psikologika, wara l-mard u t-trawmi li ghaddew minnhom, wasalu sabiex irrendew il-hajja matrimonjali taghhom, minn wahda difficili ghal wahda insopportabbli".

Huwa evidenti illi s-sitwazzjoni partikolari taz-zewg partijiet kienet tirrikjedi ghajnuna u konsultazzjoni psikologika, l-attrici kienet tbaghti minn depressjoni u tensjoni, u bid-depression kienet tara 'dbabar u tikek suwed f'ghajnejha', kien ezaminaha l-psikjatra Dottor Schembri Wismayer, ippreskrivilha il-valium, li baqghet tiehu ghal tnejn u ghoxrien sena. Il-Clinical Psychologist Dottor Claudette ikkonfermat li l-attrici kellha, *post traumatic stress* u *depression*. Il-konvenut ukoll kien ibaghti minn depression kif ukoll insomnia wara l-attakk tal-qalb li kellu fit-2002. F'dawn ic-cirkostanzi, kien assolutament necessaju ghall-partijiet li jirrikorru ghand professjonisti ghall-ghajnuna.

Minn ezami tal-provi voluminuzi mressqa mill-partijiet il-Qorti qed tikkonkludi, kif ikkonkludit l-abbli perit legali, illi ghat-tkissir taz-zwieg taghhom jahtu iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

Gie ppruvat abbundantament illi l-attrici kienet kontinwament u fuq medda ta' snin takkuza lill-konvenut li kien qed jikkommetti adulterju ma' diversi nisa' li kien jigi in kuntatt maghhom b'mod partikolari fuq il-post tax-xoghol. Huwa minnu li mhux dejjem facli li wiehed jipprova l-adulterju. Izda hawn non si tratta ta' akkuza da parti tal-attrici li l-konvenut kellu skappatura adultera. L-attrici ghal diversi snin u b'mod kontinwu u incessanti takkuza lill-konvenut li kien qed ikollu relazzjonijiet sesswali ma' diversi nisa li kienu b'xi mod jew iehor kollegi tax-xoghol tieghu. Kienu diversi x-xhieda li xhedu b'mod kategoriku li l-akkuzi tal-attrici kienu totalment infondati. Fuq kollox kien l-oneru tal-attrici li tipprova b'mod sodisfacenti l-allegazzjonijiet taghha. Jekk allegazzjoni ta'parti jew ohra f'kawza ma tigiex ippruvata u ippruvata sal-grad li trid il-ligi, tibqa' biss allegazzjoni. Mhux biss. Ghaliex fil-kamp matrimonjali, jekk konjugi takkuza l-konjugi l-iehor jew l-ohra b'adulterju, pero' tali akkuza ma tigiex ippruvata, min jakkuza huwa hati ta' ingurja gravi fil-konfront tal-konjugi li jkun gie ingustament akkuzat b'wiehed min-nuqqasijiet

l-aktar gravi li konjugi jista' jikkommetti fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra.

Kif gie dikjarat fis-sentenza "**Jacqueline Balzan proprio et nomine vs Joseph Balzan**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2016 :-

"In tema legali jinghad illi "l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom" (**Marthese Vella pro et noe vs. George Vella** – PA deciza 28 ta' Frar 2003). Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius**" deciza fl-10 ta' Dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi:- "Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi. Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."

Mill-banda l-ohra gie sodisfacentement ippruvat mill-attrici illi l-komportament u l-agir tal-konvenut fuq medda ta' snin kien ukoll kontributur ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg tal-partijiet. Huwa minnu li ma giex ippruvat li l-konvenut ikkommetta adulterju. Izda gie ppruvat li l-konvenut kien johrog matul il-lejl mhux akkumpanjat minn martu u jmur jixrob. Irrizzulta li gieli kien jispicca jorqod b'tazza nbid quddiemu fil-hanut fejn kien spiss imur. Il-fatt li ghadda minn operazzjoni magguri f'qalbu ma hux gustifikazzjoni sabiex ragel mizzewweg jagixxi b'dak il-mod. Huwa pacifiku illi fil-bidu li l-konvenut ried jibda johrog matul il-lejl u ta' spiss kien ikun akkumpanjat minn martu l-attrici. Meta din ta' l-ahhar iddecidiet li ma tridx tkompli b'dak il-hrug spiss ta' bil-lejl, il-konvenut iddecieda li

jibqa' johrog wahdu. Din ma kenitx okkazzjoni ta' darba, harga okkazzjonali mal-hbieb, izda prattikament stil ta' hajja. Il-konvenut dehrlu illi kien gustifikat illi ghalkemm kien ragel mizzewweg kellu dritt johrog wahdu bil-lejl sabiex imur jixrob peress li ma kienx ikun jista' johrog. Jekk ghall-konvenut dan il-komportament kien ta' xi ghajnuna billi jikkumbatti n-nuqqas ta' rqad, certament li ma kienx ta' ghajnuna ghas-sahha tar-relazzjoni matrimonjali ta' bejn il-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas l-aktar zwieg b'sahhtu ma kien ser isalva minn komportamenti tali, ahseb u ara zwieg bil-pedamenti gia' mimlija konsenturi.

Huwa evidenti ghall-Qorti illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien ilu s-snin li tkisser irrimedjabilment tort tal-agir u komportament rispettiv taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin u dan zmien sew qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tikkonkludi u tiddeciedi illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet kienu jahtu iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**MANTENIMENT.**

Irrizulta mill-provi li qabel beda l-inkwiet bejniethom, il-konvenut kien jikredita il-kont bankarju tal-attrici bl-ammont ta' LM470 fix-xahar Fol. 262, u kien jhallas l-kontijiet kollha.

B'digriet tas-7 ta' Dicenbru 2004, Fol 31, il-Qorti stabbilit retta alimentari, ta' LM70 fil-gimgha, oltre il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u insurances li kellhom jithalllsu mill-konvenut.

B'digriet tas-7 ta' Novembru 2008 Fol. 738 il-Qorti rriduciet il-manteniment ghal Euro 350 fix-xahar b'effett mid-data li fija jigu pprezentati mill-konvenut, nota dwar l-indirizz presenti tieghu u

prospett tal-pagamenti maghmula skond id-digriet tas-7 ta'Dicembru 2004.

Il-konvenut, fir-rikors minnu ipprezentat fid-19 ta' Jannar 2009, indika l-indirizz tieghu, 129, Joseph, Flat 1, Triq il-Qasam, Swieqi, ma ipprezentax prospett tal-pagamenti li hallas bhala manteniment, u talab, Fol. 819, li jigi ezentat milli jhallas manteniment billi kien qed jircevi biss l-ammont ta' Euro87.67 fil-gimgha bhala Assistenza Socjali u ma kienx f'posizzjoni li jhallas Euro 81.23 fil-gimgha u jghix bid-differenza ta' Euro6.43 fil-gimgha u dan b'effett minn Novembru 2006 meta waqaf jahdem. Talab ukoll, in vista tal-fatt li l-attrici giet misjuba hatja kriminalment ta' zewg rapporti foloz kontrih, li jigi awtorizzat jokkupa parti mid-dar konjugali.

B'digriet tat-18 ta' Gunju 2009 Fol. 936, il-Qorti issospendiet l-obbligu tieghu li jhallas manteniment lill-attrici, billi il-konvenut kien qed jghix biss bl-assistenza socjali minnhabba l-istat ta' sahhtu, u dan b'effett retroattiv mit-8 ta' Jannar 2009.

Il-perit legali waslet ghall-konkluzjoni li billi it-tnejn jistghu jahdmu, l-attrici bhala ghalliema tal-Ingliz u l-konvenut b'xi mod jista' jaqla' l-ghajxien tieghu, ma ghandux jigi ordnat ebda hlas ta' manteniment. In vista tal-fatt li bid-digriet fuq imsemmi tat-18 ta' Gunju 2009, gie sospiz l-obbligu tal-manteniment tal-konvenut favur l-attrici, u billi sia l-kondizzjoni medika tieghu, kif ukoll dik finanzjarja (hu jircevi biss l-assistenza socjali) ma nbidlux, u in vista tar-responsabilita' tat-tifrik taz-zwieg, kif fuq espresso, kull parti ghandha tmantni lilha nnifisha, minghajr l-obbligu li tmantni lill-parti l-ohra.

Dwar il-manteniment 'pendente lite', il-perit legali ddikjarat li ma hemmx qbil bejn il-partijiet kemm effettivament thallas mill-konvenut. Hi waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut ghandu ihallas bhala arrettrati fil-manteniment l-ammont ta' Euro28,868.40, wara li

ppremettiet li 'huwa ferm difficili li jigi stabbilit l-ammont précis illi thallas mill-konvenut lill-attrici'. Fol 2358.

Fir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Id-digriet li kien ordna lill-konvenut ihallas manteniment pendente lite lill-attrici kien gie sospiz fit-18 ta' Gunju 2009. Isegwi ghalhekk illi sa minn dak iz-zmien ma kienx hemm l-obbligu legali fuq il-konvenut li jhallas manteniment pendente lite.

Permezz tas-sentenza finali li qed tigi pronunzjata llum il-Qorti qed tiddeciedi li l-konvenut m'ghandux ihallas manteniment lill-attrici martu anke ghaliex kif ser jigi deciz aktar 'l isfel il-Qorti qed tiddeciedi illi b'konsegwenza tan-nuqqasijiet rispettivi taghhom iz-zewg partijiet qed jiddekadu mid-dritt li jitolbu minghand xulxin il-manteniment.

**L-EFFETTI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ TAL-KAP 16.**

Skont l-artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 riprodotti supra, il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika, jew ma tapplikax jew li tapplika in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48, meta ir-raguni ghas-separazzjoni tkun dik imsemmija fl-artikolu 40 tal-istess Kodici Civili.

Il-perit legali waslet ghall-konkluzjoni li din it-talba ma ghandhiex tigi milquha billi ma irrizultax l-adulterju tal-konvenut, u l-htija kienet tat-tnejn ugwalment.

Fil-fehma tal-Qorti l-ingurji gravi li z-zewg partijiet ikkottew fil-konfront ta' xulxin huma ta' kobor tali li jimmeritaw is-sanzjonijiet imposti mil-ligi, anke jekk huwa moghti lill-Qorti id-diskrezzjoni tapplikhomx jew le. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi mhux biss il-partijiet m'ghandhomx jircevu manteniment minghand xulxin izda lanqas ghandhom jirtu lil xulxin. Ghalhekk il-Qorti qed tapplika

fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kap 16.

**ID-DAR MATRIMONJALI.**

B'kuntratt ippublikat minn-Nutar Dottor Joseph Felix Abela tal-20 ta' Dicembru 1979, Fol 1723, Dolores sive A Mifsud, xebba, xtrat u akkwistat minn ghand is-socjeta' San Pawl Tat-Targa Limited porzjoni ta' art fabbrikabbli indikata bil-plot numru 11 tal-kejl ta' 95.01 qasab kwadri, fil-limiti tan-Naxxar bil-prezz ta' £M1,400. Missierha, Antonio Mifsud, fl-istess kuntratt xtara il-plots 12 u 13.

Il-perit Mario Cassar fir-rapport tieghu, Fol.567 ipprezentat fil-5 ta' Ottubru 2005 iddikjara li il-valur prezenti fis-suq tal-villa Kimera, Triq id-Dejma, San Pawl Tat-Targa hu ta'madwar LM230,000.

L-istess perit b'rapport iehor ipprezetat fl-20 ta' Awwissu 2007 Fol 577 ikkalkola il-valur tal-benefikati li saru fid-dar matrimonjali waqt il-komunjoni tal-akkwisti ghall-LM39,750 u ghall-LM37,336 meta ma jigux inkluzi l-items li gew indikati li saru qabel iz-zwieg.

Il-partijiet izzewgu fis-27 ta' Marzu 1983, u billi l-villa ma kinitix lesta ghamlu sitt snin jghixu ghand il-genituri tal-attrici. Huma dahlu fid-dar fin-1989, ghaxar snin wara li kienet nxtrat l-art. F'dawk l-ghaxar snin saru x-xogholijiet ta' finishing biex saret abittabbli. Sar xoghol ukoll fuq id-dar bejn in-1979 u in-1983 minn meta nxtrat sakemm izzewgu.

Hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-ammonti li l-genituri tal-attrici ikkontribwew ghall-bini tal-villa. L-konvenut jikkontesta l-ammonti ddikjarati minn Catherine Mifsud, omm l-attrici Fol. 126, pero' jaccetta li kienu ikkontribwew l-ammont ta' LM8000, li jirrizultaw minn notamenti fil-librett minnha mizmum.

Il-perit legali ikkonkludiet, li in vista tax-xoghol maghmul mill-konvenut fid-dar matrimonjali, u peress li qabel ma nqala' l-inkwiet bejniethom l-attrici dejjem kienet tweghdu li titrasferilu nofs id-dar jkun ekwu u gust li l-konvenut jinghata terz (1/3) tal-valur tad-dar matrimonjali, cioe' terz ta' LM200,000, Euro466,000 terz ta', ammontanti ghal Euro 155,333.33.

L-attrici, fin-nota ta' kritika taghha issottomettiet li ma tistax tapplika l-ekwita' meta s-sitwazzjoni hi regolata bil-ligi.

Bhala fatt ghalkemm irrizulta li l-partijiet kienu f'xi zmien ikkonsidraw il-possibilita' li jsir kuntatt bejniethom, biex l-attrici titrasferilu nofs indiviz mid-dar, qatghu qalbhom mill-ispejjez, anke ghax f'dak iz-zmien kull ma kellhom kienu qed jonfquh fid-dar, u ghalhekk ma sar l-ebda kuntratt ta' trasferiment ta' nofs indiviz tal-immobbli. Dan iffisser li d-dar hi propjeta' parafernali tal-attrici, billi l-art nxtrat meta kienet ghadha xebba, salv id-dritt tal-konvenut li jinghata nofs il-valur tal-benefikati li saru matul iz-zwieg kif ukoll li jigi kkumpensat ghax-xoghol li ghamel fid-dar qabel iz-zwieg, li qatt ma gie stmat.

Mhux kontestat bejn l-partijiet li l-konvenut hadem u stinka u ikkontribwixxa b'xoghlu b'mod determinanti mill-bidu nett sakemm gew kompletati ix-xoghlijiet kollha. Hu kien ha hsieb il-permessi tal-bini, hadem personalment biex wassal sal-plot kemm l-ilma kif ukoll id-dawl, thabat biex gab il-meter tal-elettriku, hadem fix-xoghol tal-kostruzzjoni, kien kull jum jmur fuq il-post biex jissorvelja il-haddiema u hadem diversi xogholijiet personalment, billi kien jinqala' ghal dan ix-xoghol.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha, partikolarment l-apprezzament fil-valur tal-propjeta' u x-xoghol intensiv u essenzjali tal-konvenut li minnu ibbenefikat direttament l-attrici qua proprjetarja tal-immobbli, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi l-konvenut ghandu jigi

kkumpensat billi jircevi minghand l-attrici nofs il-valur tal-benefikati kif ukoll somma li l-Qorti ser tiffissa arbitrio boni viri ghall-kontribut sostanzjali tieghu fil-kostruzzjoni tal-villa de quo.

Fir-rigward ta' nofs il-benefikati, il-komputazzjoni hi s-segwenti: nofs l-ekwivalenti ta' disgha u tletin elf, seba' mija u hamsin liri Maltin (Lm39,750) u cioe' nofs tnejn u disghin elf, hames mija u tmienja u sebghin ewro (€92,578.00) jammonta ghal sitta u erbghin elf, mitejn u disgha u tmenin ewro (€46,289.00).

Fir-rigward tal-kumpens ghal hidma tal-konvenut fil-villa de quo il-Qorti qed tiffissa arbitrio boni viri s-somma ta' hamsin elf ewro (€50,000) li l-attrici ghandha thallas lill-konvenut

.

**KOMMUNJONI TAL-AKKWISTI BEJN IL-PARTIJIET.**

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji l-perit legali kkonkludiet illi kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji li ghandha fuq isimha, minnghajr ma ebda ammonti ghandhom jigu trasferiti lill-attrici, Fol. 2390. L-attrici ppretendiet nofs zewg ammonti li kienu gew zbankati mill-konvenut minn zewg kontijiet mill-Bank of Valletta plc, wiehed fl-ammont ta' Euro4,776.01 u l-iehor fl-ammont ta' Euro3,407.94. Il-konvenut issottometta li l-ewwel ammont kien jirreferi ghall-ispejjez li saru ghat-tieg tan-neputija tal-attrici, u it-tieni ammont kien intiz biex jithallsu il-kontijiet tal-VAT. Din il-pretensjoni tal-attrici ghalhekk ma tirrizultax giustifikata, u kull parti ghandha tigi assenjata il-kontijiet f'isimha.

Il-partijiet qablu li l-uniku investiment li jappartjeni lill-komunjoni hi *Endowment Policy* mahruga mill-Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited illi tassikura il-hajja tal-konvenut. L-attrici pproponiet li tircevi nofs is-surrender value u l-polza tigi assenjata lill-

konvenut, mentri l-konvenut ddikjara li l-polza kienet intiza biex tipprotegi lill-attrici fil-kaz li jigi nieqes u li ghandha tigi likwidata.

Hi korretta il-konkluzjoni tal-perit legali, li l-ahhjar soluzzjoni hi li l-polza tigi likwidata u ir-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

Dwar il-vetturi li inxtraw waqt iz-zwieg hemm divergenza sostanzjali bejn il-partijiet. L-konvenut kien xtara kwantita' ta' vetturi li kienu jintuzaw fix-xoghol tieghu ta' armar ta' stands fil-fieri kummercjali.

L-attrici ddikjarat li l-unika vettura li ghandha valur sostanzjali, hi Citroen Xsantia li ghandha valur ta' Euro3100. Hi tippretendi li din tigi assenjata lir-ragel, u hi tinghata nofs il-valur taghha. Qed titlob ukoll is-somma ta' Euro3,203.75 nofs il-valur tal Vetturi LAL142,AMB529,u WON111 li tghid li l-konvenut ttrasferixxa b'mod fittizzju, u somma ulterjuri ta' Euro10,000 nofs il-valur ta' erba vetturi ohra, li dwarhom ma saritx il-prova tal-valur taghhom.

Il-konvenut, iddikjara li l-valur tac-Citroen illum hu ta' Euro1000 u l-vetturi l-ohra ma ghandhom assolutament l-ebda valur. Iddikjara ukoll li l-attrici xtrat Toyota u rregistratha fuq ohtha.

L-avukat Dottor Anton Felice, Direttur Generali tal-Malta Insurance Association fl-affidavit tieghu tal-20 ta' Mejju 2008, Fol 1125, indika il-valur ghall-finijiet ta' assikurazzjoni, ta' sitt vetturi, valur li jirreferi ghall-bidu tas-sena 2008. Dwar tmien vetturi ohra iddikjara li ma kellux informazzjoni dwar il-valur taghhom.

L-perit legali ipproponiet li tigi assenjata lill-attrici il-vettura Citroen Xsantia, u il-vetturi l-ohra jigu assenjati lill-konvenut, billi dik hi l-unika vettura ta' certu valur.

L-attrici, fin-nota ta' kritika taghha, oggezzjonat principalment ghar-raguni li dik l-vettura tinsaq mill-konvenut u tissuspetta li mhiex f'kondizzjoni tajba.

Jixraq li jigi rilevat, li ghaddew kwazi tmien snin minn meta xehed Dottor Anton Felice, u hu ovvju ghal kullhadd li illum il-gurnata vetturi simili prattikament ma ghandhom l-ebda valur fis-suq, u kif irrileva il-konvenut l-licenzji u l-assikurazzjoni taghhom jiswew aktar mill-vetturi nifishom.

Fic-cirkostanzi, ghallhekk l-vetturi ghandhom jinbieghu, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

Il-kumpanija Autographics Limited, kif ipproponiet, l-perit legali, Fol. 2391 ghandha tigi likwidata u xjolta u d-djun taghha ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

Dwar il-gojjelli appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, il-perit legali pproponiet li dawn jigu assenjati lill-attrici, li ghandha thallas lill-konvenut nofs r-rikavat mill-bejgh tal-istess, cioe' Euro 10,135.50 u li lill-konvenut jigu assenjati l-apparat tal-fotografija u il-computers.

Il-konvenut, fin-nota ta' kritika tieghu, Fol. 2425, irrileva illi fis-sena 2003 il-gojjellerija kienet assikurata ghal £M20,000, Euro46,000 u li valur apprezza li illum jiswew Euro 90,000.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, Fol.1332 elenka diversi oggetti ohra ta' certu valur, bhal designer watch, brazzulletti, arloggi, gizirajjen, crieket tad-deheb u brooches.

Jekk bhala valur jittiehed dak ta' meta nxtraw l-oggetti, minghajr aprezzament, dawn ghandhom valur ta'Euro50,000.

Il-gojjelli ghalhekk ghandhom jigu assenjati lill-attrici, li ghandha thallas lill-konvenut nofs il-valur taghhom cioe' Euro25,000. Lill-konvenut ghandhom jigu assenjati ukoll l-apparat tal-fotgrafija u l-computers, li billi illum qdiemu huma prattikament bla valur.

Dwar l-ghamara, arredamenti u pitturi fid-dar matrimonjali, il-perit legali ipproponiet li kull parti tigi assenjati l-pitturi li pittret hi stess u l-ghamara u l-pitturi rimanenti ghadhom jigu stmati u jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Il-konkluzzjoni peritali qed tigi accettata mill-Qorti b'dan li jekk il-partijiet ma jirrnexxhielhomx jiddividhuhom fizakament f'zewg porzjonijiet ta' valur ugwali, jigu stmati, jinbieghu u jinqasam ugwalment bejniethom ir-rikavat. Dan jista' jsir anke fil-kas li id-divizzjoni fizika tkun parzjali.

L-attrici, fl-affidavit taghha, Fol 69 tghid li qed tannetti bhala Dok DC3 lista tal-ogetti li hi xtrat qabel iz-zwieg, pero' din ma tirrizultax annessa. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-attrici Fol.1264 , tindika is-segwenti bhala parafernali taghha:

Dinner set tal-marka Furstenburg;
Set tazzi tal-kristall;
Dinner set rustiku;
Statwetti tal-marka Lladro;
Purtieri tal-linen u utensils tal-kcina.

Il-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, Fol. 1321 jissottometti, li d-dinner set, it-tazzi tal-kristall u d-dinner set rustiku sparixxew mid-dar meta bdew il-proceduri fit-2004.

Jghid li l-attrici hadet md-dar kollezzjoni ta'ceramika, u affarjiet ta' valur fosthom pitturi ta' rtisti varji, f'Awwissu 2005 meta l-konvenut kien msiefer. Hu kkonferma li dawn nxtraw waqt iz-zwieg, kien hemm mandat ta' Qbid fuqhom, u kienet ordnata tirritornohom b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati tas-27 ta'Novembru 2008.

Gie sottomess li l-purtieri tal-linen hallashom hu waqt iz-zwieg, u l-borom tal-kcina kienu gew sostitwiti b'ohrajn ta' kwalita' ahjar tul iz-zwieg.

Dwar pendenzi mal-kummissarju tat-Taxxi Interni, billi dawn huma passiv tal-komunjoni ghandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

Ikkonsidrat;

Meta giet intavolata l-kawza odjerna l-konvenut ipprezenta nota ta' eccezzjonijiet fejn illimita ruhu li jikkontesta t-talbiet attrici f'dak li jirrigwarda l-htija ghat-tkissir taz-zwieg. Ma ressaq l-ebda talbiet rikonvenzjonali. Ciononostante huwa moghti lill-Qorti is-setgha li tapplika l-**Artikolu 45 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:-

"Iżda, meta jiġi ppruvat xi fatt li minħabba fih il-konvenut seta' wkoll kieku ried jitlob il-firda, il-qorti tista' tieħu qies ta' dak il-fatt għall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 52."

Stante li l-Qorti qed issib lill-attrici hatja daqs il-konvenut ghat-tkissir taz-zwieg taghhom, sejra tapplika kontra taghha l-penalitajiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap 16 nonostante li l-attur ma ressaqx talbiet rikonvenzjonali.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u tilqa' parzjalment l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser minhabba ingurji gravi kommessi mill-attrici

fil-konfront tal-konvenut u minhabba ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici. Tiddikjara ghalhekk illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet f'sehem indaqs u tiffissa d-data minn meta ghandu jigi kkunsidrat li kienu hatja rispettivament ghat-tkissir taz-zwieg bhala l-1 ta' Jannar 2003.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tawtorizza liz-zewg partijiet jghixu separati minn xulxin;

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u b'applikazzjoni tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tapplika kontra l-konvenut il-penalitajiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16. Bis-sahha tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 16 il-Qorti tapplika kontra l-attrici l-penalitajiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16.

5. Tichad parzjalment il-hames talba attrici billi ma rrizultawx beni dotali u parafernali tal-attrici li jinsabu fil-pussess tal-konvenut filwaqt li l-attrici qed tinghatha l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha inkluz l-oggett segwenti: Dinner set tal-marka Furstenburg, sett tazzi tal-kristall u Dinner set rustiku;

6. Tilqa' is-sitt talba u tiddikjara xjolta il-kommunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontedenti. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet kif ntqal supra senjatament billi l-kontijiet bankarji ghandhom jigu assenjati lill-parti li f'isimha hu intestat il-kont; l-Endowment Policy ghandha tigi likwidata u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom; il-vetturi fuq imsemmija ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom; il-kumpanija Autographics Limited ghandha tigi likwidata u xjolta u ir-rikavat jinqasam ugwament bejn il-partijiet; id-djun tal-kumpanija ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-partijiet; il-gojjelli ghandhom jigu assenjati

lill-attrici b'obbligu li thallas lill-konvenut nofs il-valur taghhom u cioe' hamsa u ghoxrien elf ewro (€25,000), ghalhekk l-attrici qed tigi kkundannata thallas lill-konvenut is-somma ta' hamsa u ghoxrien elf ewro (€25,000); kull parti qed tigi assenjata l-pitturi li kull parti pittret; il-kumplament tal-pitturi u l-ghamara ezistenti ghandhom jinbieghu taht l-awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; pendenzi mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni jithallsu ugwalment bejn il-partijeit.Tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' hamsin elf ewro (€50,000) ghax-xoghol li hadem fid-dar matrimonjali qabel iz-zwieg'; Inoltre tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut nofs il-valur tal-benefikati li saru fid-dar waqt iz-zwieg u cioe' is-somma ta' sitta u erbghin elf, mitejn u disgha u tmenin ewro (€46,289.00);

7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tawtorizza lil-attrici tokkupa, ad eskluzjoni tal-konvenut, id-dar matrimonjali li hi propjeta' parafernali taghha;

8. Tilqa' it-tmien talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirregistra is-sentenza fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**